141

# ŻWIEĠ BIL-BOLLI

JEW

# "ARPAGON"

Kummiedja

ta'

**GIANBATTISTA MOLIERE**

Trasformata

u

maqluba għall-Malti

mis-Sależjan

**CARMELO GALEA**

Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos: 347

*Id-drittijiet tat-traduzjoni huma riservati. Hadd ma jista' bl-ilsien Malti jaħdem din il-Kummiedja fuq il-palk jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion jew juża xort'oħra dan ix-xogħol teatrali mingħajr is-sensja tat-traduttur, jew tas-Superjur ta' l-oratorju Sależjan ta' tas-Sliema, Malta.*

# ŻWIEĠ BIL-BOLLI

JEW

# "ARPAGON"

Kummiedja

ta'

**GIANBATTISTA MOLIERE**

Trasformata

u

maqluba għall-Malti

mis-Sależjan

**CARMELO GALEA**

SALESIA[illegible]
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

---

Stamperija Dar ta' San Ġużepp
Hamrun — Malta
1961

B'DEDIKA

lil Kumpannija Filodrammatika

"San Ġenesju"

tas-Sależjani

li taħt il-ġwienaħ tagħha

bħal Gilji ta' San Ġwann Bosco

sirna oħra f'Ġesù Kristu.

# ŻWIEĠ BIL-BOLLI

Kummiedja fi 3 Atti

ta'

GIANBATTISTA PASQUELIN DE MOLIERE

Maqluba għall-Malti

minn

CARMELO GALEA S.D.B.

## NIES IL-KUMMIEDJA

| | | |
|---|---|---|
| SCAPINO | Qaddej ta' | Snin 36 |
| LUCIA | Negozjanta tal-ġojelli | Snin 60 |
| LEONDRO | Binha | Snin 22 |
| ARGANTE | Għani negozjant | Snin 58 |
| AGNESE | Bintu | Snin 22 |
| SILVESTRU | Qaddej ta' Argante | Snin 55 |
| ĠULJETTO | Tfajjel iltim | Snin 12 |
| ĠORĠ | Qaddej ta' Ġuljetto | Snin 50 |
| Żewġt irġiel li ma jitkellmux | | Snin 35-38 |

N.B. Din il-Kummiedja hija magħrufa bħala "Arpagon", oriġinata minn Gianbattista Pasquelin Moliere u hija trasformata u maqluba għall-Malti mis-Sależjan Carmelo Galea, S.D.B. (Libera tradizioni).

Kostumi ta' l-1700. Ilbies ilellex ta' dak iż-żmien.

# L-EWWEL ATT

## Xena 1

SanRemo
B. 1.

Agnese u Silvestru

Xena : Sala rikka mgħammra b'għamara mill-isbaħ.

AGNESE Silvestru, inti żgur minn dak li għidtli, il-papà tiegħi ġej lura mis-safar?

SILVES. Iva sinjurina.

AGNESE Ommi, x'waħda din! Din l-aħbar sejra tagħtini f'qalbi! U għidtli li għandu jasal dalgħodu?

SILVES. Iva sinjurina, propju dalgħodu.

AGNESE Qaltlek iz-zija tiegħi? Iz-zija Geltrude?

SILVES. Iz-zija tiegħek Geltrude.

AGNESE Mela allura z-zija tiegħi tinsab infurmata minn kollox.

SILVES. Minn kollox.

AGNESE Ukoll mid-dejn li għamilt?

SILVES. Mid-dejn ukoll sinjurina.

AGNESE X'imħatra beħsiebha tgħid kollox lill-papà tiegħi? *(Waħedha)* : Jekk m'għandhiex tħassarni mit-testment.

SILVES. Beħsiebha għidt? Diġà qaltlu b'kollox...... Kitbitlu ittra d-doqq l-iskotti li tħedded lili u lilek bl-aħrax ukoll.

AGNESE Maħbub Silvestru, huwa veru li kultant ngħajjat xi għajta miegħek, iżda taf ukoll li jiena qatt ma stmajtek ta' qaddej, dejjem irrispettajtek. Agħtini l-għajnuna tiegħek, agħtini xi pariri, għidli x'għandi ngħamel; tħallinix waħdi f'din l-iżventura li ninsab fiha!......

SILVES. Imma sinjurina jaħasra, jiena daqsek inħossni imħawwad u għandi bżonn min jagħti xi parir lili.

AGNESE Jiena b'din il-miġja ta' malajr tal-papà ninsab agonija! inwerwra

SILVES. U jien inħossni mejjet katavru!

SCAP. U b'daqshekk? Merħba bih......

AGNESE Merħba bih? Int ma tafx il-kawża ta' l-inkwiet tiegħi......

SCAP. Jekk ma tgħidlix, kif tridni nkun naf...... Għarrafni malajr x'inhu dan l-inkwiet tiegħek...... Inti taf li s-sema lili ħalaqni biex indewwi l-ġrieħi ~~min-nar~~ u naqbes il-baħar biex neħilsek mill-għawġ.

AGNESE ~~Oh! Maħbub~~ Scapino, jekk int kapaċi tinventa xi ~~mak-na~~ biex biha teħlisni minn din il-~~kobba mħabbla~~ li dħalt fiha, nibqa~~għlek rikonoxxenti~~ għal ħajti kollha.

SCAP. Biex ngħidlek il-veru, sinjurina, ftit huma dawk il-ħwejjeġ, impossibli għalija. Meta ngħid irrid, m'hemmx swar li jżommuni. Jien irċevejt ċertu għaqal mis-sema, għandi ċertu ~~makni ta~~' ħażen li bih indaħħal lil kul-ħadd ġewwa x-xkora ~~wkoll jekk ikun sultan~~. F'dan l-għaqal jiena sibt il-glorja tiegħi. Għalhekk sinjurina, ~~inti tinsab quddiem dak il-bniedem rebbieħ bl-għaqal tiegħu~~. Irrakkontali u naraw x'nistgħu nagħmlu għalik......

AGNESE Inti taf, twajjeb Scapino, li xahrejn ilu l-papà tiegħi max-xwejħa Madame Lucia, imbarkaw biex jagħmlu flimkien biċċa negozju tal-ġojjelli u tal-ħaġar prezzjuż?

SCAP. Ili naf li għandhom negozju flimkien tal-ġojjelli. Dik Madame Lucia għandha kuraġġ ta' reġel ~~ieħor~~.

AGNESE Kif qiegħed tgħid int, u taf ukoll li l-papà ħallieni taħt it-tmexxija tat-twajjeb qaddej tagħna Silvestru, bħalma Madame Lucia ħalliet lil binha Leondro taħt it-tmex-xija tiegħek......

SCAP. Dan nafu wkoll; għidli dak li għadni ma nafx......

AGNESE Hu ftit tal-paċenzja, Scapino. Biex infehmek sewwa jeħtieġ inqiegħedlek quddiemek ċerti affarijiet. Nissopo-ni taf ukoll li l-papà tiegħi kemm il-mamà ta' Leondro qabel ma telqu ma ħallewniex ħlief biex ngħixu bit-tiġbid......

SCAP. Dan nafu, u jafu l-istonku tiegħi wkoll, li kemm-il darba sam ħobż u ilma, għaliex hekk għoġob lil dik ix-xħieħa ta' Madame Lucia Frasca. Biex ngħixu jiena

u binha, ma ħallitilniex ħlief dukat fil-ġimgħa. Ara, aħjar ma ġġagħalniex nitkellem fuq il-proxxmu tiegħi... Issokta għidli......

AGNESE Hekk hu l-pont l-aktar importanti. Wara xi ġranet li siefer il-papà kont għaddejja minn ġo sqaq imwarrab u nisma' leħen jokrob ħiereġ minn dar fqira; il-kurżità għamlet bija u dħalt f'din id-dar. Malli poġġejt riġlejja f'dik id-dar, ġie jiġri fuqi tifel, jibki kemm jiflaħ, u qalli : "Sinjurina, għall-imħabba t'Alla salvali 'l ommi, li qegħda tmut waħedha."

SCAP. Oh! Miskin!

AGNESE Ersaqt u ħarist lejn dik ir-rokna fejn kien hemm issodda, u ~~x'nilmaħ?~~ Mara safra bħal qarsa tax-xemgħa qegħda titqabad mal-mewt!...... Kienet f'sura li lanqas tingħaraf...... Ippruvajt insejħilha, bexqet għajnejha ~~moribondi~~, ħarset lejja bil-ħniena, u bl-aħħar sforz li għamlet, qaltli dan il-kliem li bih qasmitli qalbi: "Int min inti, ikollok ħniena minn mara ~~moribonda~~ li sejra tħalli tifel iltim warajha! Tagħtini kelma li tieħu ħsiebu?"

SCAP. U int x'weġibtha?

AGNESE Wegħedtha li nagħmel dak li talbet minni.

SCAP. *(B'interes)*. Għamilt sewwa, jiena kont nagħmel bħalek.

SILVES. Iva, imma issa il-gwaj għadu ġej......

SCAP. Iskot int ja qalb ta' fenek...... X'ridtha twieġeb? *(Lil Agnese)*: Sinjurina, ħaqqek prosit! Għamilt sewwa, ma stajtx tagħmel aħjar! Jiena kont inbiegħ il-ħwejjeġ ta' fuqi għal opra ta' karità bħal din......

SILVES. Ħalliha tispiċċa tgħidlek u mbagħad tara......

SCAP. Nara li mintix ħlief injorant. *(Lil Agnese)*: Issokta sinjurina, għax ħares, jiena kont ħsibt ħaġa'oħra...... billi naf kif itiru l-flus minn idejn l-għarajjes......

AGNESE Scapino, taf ukoll bl-għerusija tiegħi?

SCAP. Trid li Scapino ma jafx li Leondro, bin Lucia, qiegħed bit-tama tiegħek?...... Insomma, ma nistagħġibx, issema iberikkom. Issokta.

AGNESE Allura kont wasalt biex ngħidlek li l-imsejkna mara ~~agonizzanti~~, ma setgħetx titkellem iżjed. Allura 'tbissmitli, bħallikieku riedet tirringrazjani u tgħidli li sejra tmut kuntenta, u mbagħad tawlet idejha u bierket lill-maħbub binha; f'daqqa waħda sejħet lil Ġuljetto u kienet l-aħħar kelma, għaliex waqgħet mejta fuq dirgħajja!

SCAP. *(Kważi jibki)*: Tgħidlix iżjed! Għoddok qsamtli qalbi! *(Jixxotta xi demgħa)*

AGNESE Kieku rajtha Scapino! ~~Tiggieled mal-mewt kaktar qalila!~~......

SCAP. Għidtlek tgħidlix iżjed. Trid bilfors tarani nibki? Jiena bniedem allegru, imma meta nisma' affarijiet bħal dawn......

SILVES. *(Waħdu)*: L-ewwel darba li rajt lil Scapino jibki.

SCAP. *(Lil Agnese)*: Għidli ftit, sinjorina, dak Ġuljetto kien it-tifel tagħha?

AGNESE Ma nafx, ~~ma nafx~~; cioè da żgur, kien it-tifel tagħha. Hekk fehmitni hija......

SCAP. U missieru ma tafx min hu?

AGNESE Ma nafx, imma ma ndumx ma nkun naf mingħand Ġuljetto innifsu, jew mingħand il-qaddej tiegħu......

SILVES. Il-ħniena nessietkom kollox, u l-papà tiegħek ma jdumx ma jasal id-dar. Aħjar naraw x'nistgħu nagħmlu malajr......

AGNESE Silvestru qiegħed igħid sewwa. Inti fhimtni, għażiż Scapino? Li jiena wara l-mewt ta' dik l-imsejkna armla ħadt f'idejja l-iltim, irħejtu f'idejn Silvestru u issa rridu naħsbulu għal kollox aħna......

SCAP. M'għandu lil ħadd minn jiġi minnu?

AGNESE Hawnhekk ma naf li għandu lil ħadd. L-imsejken huwa strangier...... Ġie ma' ommu hawn f'Genova ftit granet ilu, għandu miegħu wkoll qaddej ~~xwejjaħ~~ li ~~wkoll huwa~~ jinsab fil-bżonn...... Għalhekk aħseb inti jekk dak il ftit li ħallilna l-papà nistgħux ngħixu bih ilkoll. Allura kelli ~~nirrikorri biex~~ nissellef xi ħaġa tal-flus.

SCAP. Mill-ewwel xemmejtha d-daqqa: Djun.

SILVES. U kieku dan biss anqas jimporta...... Kellna nirgħanu l-fided kollha.

AGNESE Ma stajniex nagħmlu mod ieħor......

SCAP. Oj! Oj! *(Iħokk rasu)*. Tirgħanu il-fided mhix ħaġa taċ-ċajt!......

SILVES. Il-fided kollha. Ara meta jasal is-Sur Argante, il-papà tiegħek, u jkun jaf...... Holl xagħrek u ġib il-mantikil-ja!...... Meta jiġi biex jiekol u ma jarax il-pużati tal-fidda fuq il-mejda...... Sinjurina Agnese, tista' tgħid li ninsabu fl'aħħar tad-dinja!......

AGNESE Scapino, inti li bil-għaqal tiegħek kapaċi tmexxi eżer-ċitu għall-gwerra, agħmel xi ħaġa għalina......

SCAP. Naraw, naraw.

AGNESE Għar-ruħ ommok, qabel nofs in-nhar il-pużati tal-fidda jridu jkunu għandna.

SCAP. Iva, dan hu kollu li titlob minni?

AGNESE Għalissa dak.

SCAP. U mbagħad għall-għxien ta' l-iltim?...... U natural-ment; it-tieġ beda joqrob ...... Ma tkunx trid xi ħaġa għad-dota wkoll? Ara x'ilbies ġej eħ?! X'lussu......

SILVES. *(Waħdu)*: Qiegħed iwiegħed wisq il-ħabib.

AGNESE Irridu xi 50 skud biex nieħu lura l-fidda, u mbagħad xi 100 skud oħra għall-għixien u l-ħlas ta' l-iskola ta' Ġuljetto, u m'għandniex xi ngħidu għad-dota wkoll.

SCAP. U allura għal 150 skud wieħed għandu jitlef rasu? Al-lura x'kontu tagħmlu kieku sibtu rwieħkom fit-tiġrif bħalma sibt ruħi fih jien?

SILVES. *(Waħdu)*: M'hux ħlief lablabi tal-prima klassi.

SCAP. *(Idur b'sollenita fuq Silvestru)*. U inti ma tisħix qud-diem ħaġa hekk ċkejkna tibqa' skantat hemm donnok statwa tal-karta pesta? Bniedem għaxen bħalek, b'dik ir-ras ta' Oloferne, ma kontx kapaċi ssib mezz onest li bih toħroġ minn din in-nassa? Inħossni nitlef kull stima li kelli għalik...... Itlaq, itlaq minn quddiemi.

SILVES. Nistqarr li s-sema ma żejjinix bl-għaqal li għandek inti...... u fuq kollox ma rridx ikolli x'naqsam ma' qrati......

AGNESE Hekk hu l-iltim Ġuljetto.

### Xena 3

Ġuljetto u ta' qabel

ĠUL. *(Jidħol qalbu sewda)*

AGNESE X'għandek maħbub Ġuljetto; għaliex hekk qalbek sewda?

ĠUL. Maħbuba benefattriċi tiegħi! *(Ibus id Agnese).*

AGNESE Tkellem, qis li jiena oħtok l-għażiża, ġralek xi ħaġa?

ĠUL. Jekk il-karità li qiegħda tagħmel miegħi sejra ġġiblek xi niket, sinjurina, nitolbok ħallini waħdi ma l-iżventura tiegħi!

AGNESE Jien, avolja m'inhix omm u ma nafx x'jiġifieri tkun omm iżda qatt ma nikser il-kelma li tajt lil ommok moribonda, dak huwa ġurament sagru u ma nabbandunak qatt, Ġuljetto ħija.

ĠUL. Sinjurina, smajt b'għafsa ta' qalb li l-wasla tal-papà tiegħek sejra tpoġġik f'inkwiet kbir minħabba fija?!

AGNESE Inqas xejn, għażiż Ġuljetto.

ĠUL. Int għamilt diġà żżejjed ma' dan l-imsejken iltim, u jiena nħossni nonqsok jekk kemm-il darba ikollok issofri għalija. Ma rridx li minħabba fija taħsel ħaddejk bid-dmugħ!

AGNESE Issa, tgħidlix kliem bħal dan, nitolbok. Tħabbilx rasek għalija.

SCAP. *(Lil Silvestru):* Jien inħossni imsaħħar! Dan id-daqsxejn ta' tifel jitkellem qisu raġel.

SILVES. U jiena aktar imsaħħar bil-qalb tajba li għandha l-padruna tiegħi Agnese.

AGNESE *(Lil Ġuljetto):* Jien id-dispjaċir waħdani tiegħi huwa li mal-wasla tal-papà jkolli ninfered minnek. Imma ħares, jiena diġà ħsibt biex inqiegħdek f'kulleġġ fejn inkun nista' niġi narak ta' spiss.

ĠUL. Nitolbok, taħlix flus għalija...... jien, inkun nista' nitgħallem xi sengħa biex naqla' x'niekol.

SCAP. *(Lil Silvestru):* Ara daqsxejn xi ħlewwa ta' tifel! Donnu raġel!

AGNESE Ġuljetto, inti m'intix imwieled biex tagħmel xogħol iebes. Ħallini imnexxik jiena, qiesni ommok...... Trid inkun qiesni ommok?

ĠUL. Oh! Liema fortuna!

AGNESE Hekk mela, ommok erħietek f'idejja u jmis lili li nagħtik edukazjoni kif jixraqlek; inti biss għinni biex nasal fil-ħsieb tiegħi......

ĠUL. Oh! Maħbuba ommi! Li mis-sema qiegħda tisma' u tara kollox. Isma' lill-maħbub tiegħek Ġuljetto u itlob 'l Alla sabiex jasal dak il-jum li jiena nkun nista' npatti lis-Sinjurina Agnese ta' dan kollu li qiegħda tagħmel għalija!

SCAP.... *(Lil Silvestru)*: Aktar ma nisimgħu aktar inħossu jisraqli qalbi.

AGNESE *(Lil Ġuljetto)*: Fuq kollox kun af li m'intix waħdi li qiegħda nħallaslek il-flus għall-kulleġġ ...... hemm xi ħadd ieħor li jħobbok daqsi...... u kemm-il darba qalli li jixtieq jieħdok id-dar tiegħu.

ĠUL. Is-Sur Leondro għarus tiegħek? Huwa wkoll bħalek qalbu tajba miegħi.

SCAP. Jekk m'għamilx xi waħda ħoxna l-padrun tiegħi Leondro wkoll...... ...

AGNESE Mela maħbub Ġuljetto, il-lum nieħdok id-dar ta' waħda sinjura ħabiba tiegħi u għandi nibgħat għalik biex jieħduk fil-kulleġġ.

ĠUL. U l-imsejken Ġorġ li tant għamel għall-familja tiegħi x'sejjer isir minnu?

AGNESE Ħsibna għalih ukoll. Huwa jinsab tajjeb fil-villa tas-Sur Tarquinio.

SCAP. *(Lil Ġuljetto)*: Tfajjel, aqtagħli l-kurżità, x'kien jismu missierek?

ĠUL. Kien jismu Roberto.

SCAP. U għidtli li miet ukoll? Nista' naf kif miet? Meta u fejn?

ĠUL. L-istorja tan-niket tiegħi hija twila...... Nirrakkontahielkom fi ftit kliem kif kont nismagħha mingħand ommi.

SILVES. Ma nitilfux żmien, jekk għandna nirrimedjaw xi ħaġa nagħmluha malajr qabel ma nsibu fuqna lis-Sur Argante.

SCAP. Iskot int, qalb ta' wirdiena. Xejn la tibża'. Dak li għandna nagħmlu għad hemm żmien għalih...... Meta hemm Scapino fin-nofs għidu li l-bandiera tinsab tperper f'idejna. Issokta Ġuljetto.

Ben/Kee A-5.

ĠUL. In-nies tal-familja tiegħi huma minn Sirakuża, Però wara li twelid jiena, xi 11-il sena ilu, marret toqgħod f'Venezja fejn kienet tgħaddiha tajjeb ħafna. L-imsejken missieri, minħabba xi intriċċi tal-politika, kien jinħtieġlu jaħrab bil-lejl u ġie hawn f'Genova ma' oħti l-kbira biss. Alla kien magħhom għax ma damux ma għamlu fortuna...... Iżda, l-imsejkna ommi, mifruda minn żewġha, biex trabbi lill-familja ħtieġilha tonfoq sa l-inqas ħabba, biegħet ukoll l-għamara u l-ġojjelli kollha.

SCAP. Kif? Missierek minn Genova ma setax jibgħatilkom xi ħaġa tal-flus?

ĠUL. Huwa kien jibgħatilna, iżda, mhux dejjem kienu jaslulna.

SCAP. Oh! Dawn il-ħallilin......

ĠUL. U hekk għexna bit-tqanċiċ sakemm skoppjat il-gwerra bejn iż-żewġ repubbliki Genova u Venezja. Flus ma rċevejniex iżjed; missieri ma nafux x'sar minnu u allura l-imsejkna ommi, biex ma mmutux bil-għera u bil-ġuħ biegħet id-dar u ġiet hawn f'Genova biex tiltaqa' ma' żewġha. Din hija l-istorja li kienet tirrakkontali ommi.

SCAP. Għid, għid; dan fatt interessanti.

ĠUL. Allura tlaqna minn Venezja flimkien mal-qaddej tagħna Ġorġ, li qatt ma ried jinfired minna. Meta wasalna f'din il-belt ta' Genova fittixna u staqsejna biex insibu lil missieri, ħadd ma seta' jgħidilna xejn...... inqas ismu ma kienu jafu...... Fratant ommi qabadha ħass ħażin talmewt. *(Jixxotta għajnejh)*. Il-bqija tafuh!

Fade Out.

SCAP. Jekk jogħġbok erġa' fakkarni x'kien jismu missierek?

ĠUL. Roberto Valentini. *(Jibki)*.

AGNESE *(Li sadattant warbet ftit biex tara jekk wasalx għall-għarrieda l-papà tagħha)*. Ġuljetto, jiena ninsab hawn ma' ġenbek. Agħamel kuraġġ isa......

SCAP. *(Wahdu)*. Roberto Valentini. *(Lil Ġuljetto)*: U x'professjoni kellu?

ĠUL. Avukat.

SCAP. Hemm! Roberto Valentini, avukat; huwa isem ġdid għalija. Imma jekk qatt forsi għadu ħaj u jinsab hawn f'Genova, ma tilħaqx tinżel ix-xemx li ma nsibux.

ĠUL. X'inti tgħid? Għadu ħaj missieri?

SCAP. Kollox jista' jkun ibni......

ĠUL. Oh! Kieku s-sema jibgħat fuqi din il-grazzja......

SCAP. Qiegħed ngħidlek, ċkejken ta' qalbi, li jekk missierek għadu ħaj, ma nkunx Scapino jekk ma nsibux sallejla......

AGNESE *(Tieħu b'id Ġuljetto)*. Issa Ġuljetto, immorru għand il-ħabiba tiegħi. Scapino, nirrakkomandalek b'qalbi kollha...... Dik l-affari qabel ma jdoqq nofs in-nhar eh?

SCAP. Halli f'idejja, twajba sinjurina; qabel nofs in-nhar ikollok f'idejk dak li wiegħdek Scapino. *(Agnese u Ġuljetto jidħlu)*.

## Xena 4

Scapino u Silvestru

SCAP. Silvestru, għidli bejnietna. Jaqaw l-għarus ta' Agnese, is-Sur Leondro padrun tiegħi, għamel xi djun ukoll għal dak it-tifel?

SILVES. Naħseb li iva...... Ma nassigurakx però......

SCAP. Milli stajt nifhem minn fomm Agnese huwa wkoll ħawwad il-borma, irrid ngħid bid-djun.....

SILVES. Intennilek li m'inix żgur, imma daqskemm jinħabbu Leondro u Agnese taħseb li fi żventura bħal din sejjer iħalliha waħedha?

SCAP. Jinħabbu bħal żewġ anġli, u jekk il-ġenituri ma jpoġġulhomx il-bsaten fir-roti, ikun żwieġ l-aktar feliċi.

Imma nerġgħu għal li konna. Nibża' li meta terġa' lura mis-safar il-padruna tiegħi, anke jien sejjer insib xi skoll u għalhekk irrid naħseb minn issa kif ngħaddiha lixxa......

SILVES. Int li taf tħawwad dejjem issib kif tgħaddiha lixxa...... Id-daqqiet ta' bastun huma dejjem għalija.

SCAP. Trid għallinqas tiffranka xebgħa bastun?

SILVES. Tistaqsini?!

SCAP. Agħamel kif sejjer ngħidlek jiena; hejji ruħek għall-batalja...... lesti r-risposti f'waqthom, qum fuq tiegħek u uri ruħek kuraġġuż.

SILVES. Nimxi fuq il-parir tiegħek; nagħmel mill-aħjar li nista'.

SCAP. Mela ħalli nagħmlu daqsxejn ta' prova. Naraw jekk tirnexxix. Avanti, wiċċek minn quddiem, rasek fil-għoli u għajnejk fissi.

SILVES. *(Jesegwixxi)*. Hekk ara?......

SCAP. Ftit aktar minn hekk......

SILVES. Allura hekk?......

SCAP. Ftit ieħor......

SILVES. Mela hekk. *(Jesegwixxi)*.

SCAP. Hekk tajjeb ferm! Issa ġib quddiem għajnejk li wasal mis-safar u weġibni daqs kieku qiegħed titkellem mal-padrun tiegħek stess: "Wiċċ ta' bojja, viljakk, assassin tal-padrun tiegħek! Kif għandek il-ħila tidher quddiemi b'dak il-wiċċ tost wara li sseħibt ma' binti biex tberbaq il-ġid tiegħi kollu fil-kapriċċi? Dan qatt ma kont nistennieh fl-assenza tiegħi! Irrakkomandajtlek tant biex tieħu ħsieb id-dar. Ma ħallejtilkomx flus biżżejjed biex tgħixu? Għaliex mela għamiltu dawk id-djun kollha? Wiġibni, ja brikkun! Isa, ħalli naraw xi skuża sejjer iġġibli. Weġibni qiegħed ngħidlek; kemm inti ħmar...... Bqajtli hemm donnok ċarruta miblula?" Jeħtieġ li twieġeb xi ħaġa.

SILVES. Ħsibtek il-padrun tiegħi tassew......

SCAP. Stupidu! Aktar kien imissek twieġeb.

SILVES. Darb'oħra nwieġeb mingħajr tlaqlieq, bil-kuraġġ kollu.

SCAP. Tassew?

SILVES. Din id-darba żgur......

SCAP. Hekk hu l-padrun tiegħek, wasal!

SILVES. Tassew? *(Maqtugħ)*.

SCAP. Hawn ara, għoddu wasal......

SILVES. Ommi! Ommi! Mitluf jiena!!!

SCAP. Jiena nħossni maqtugħ minn ġewwa!

SILVES. Għidli Scapino! X'sejjer ngħidlu?

SCAP. Xejn ara; ħallini nkellmu jiena; qis però li timxi miegħi f'kollox......

SILVES. Miegħek f'kollox!

## Xena 6

Argante u ta' qabel

ARGAN. *(Jidħol iħares fl-art u jgħid waħdu)*: Xellerat! Qatt ma smajt li l-bniedem jasal biex jagħmel azzjoni ħażina bħal din! *(Jilmaħ lil Silvestru)*. U inti tinsab hawn? Bravu għalik! Din hija l-fiduċja kollha li jiena ngawdi fik? Għoddok xjaħt miegħi, u jiena nitlaq dari bil-familja tiegħi f'idejk...... u inti tittradini!...... Bravu, surmast ta' l-edukazzjoni!

SCAP. Sur Argante, jiena ninsab barra minni nnifsi bil-ferħ li erġajt rajtek qawwi u sħiħ,

ARGAN. L-għodwa t-tajba Scapino. *(Lil Silvestru)*: Naf, naf li bl-iskrupli kollha obdejt l-ordnijiet tiegħi kollha u naf ukoll li binti Agnese fl-assenza tiegħi ġiebet ruħha tajjeb ħafna...... *(Ironiku)*.

SCAP. Sinjur, milli nara l-vjaġġ għamillek tajjeb ħafna.

ARGAN. Tajjeb iva. *(Lil Silvestru)*: U inti, ipokrita, ma titkellem xejn?

SCAP. Għamilt vjaġġ tajjeb xejn, sinjur?

ARGAN. Tajjeb, tajjeb Scapino.

SCAP. Għandi pjaċir sinjur, nifraħlek bil-qalb. *(Jitbissem)*.

ARGAN. Scapino, ħallini nagħmel il-kontijiet ma' dan il-galantom... Irrid inħallsu bi prezz tajjeb talli ħadli ħsieb id-dar u l-familja...

SCAP. Nista' naf x'inqala'? Għaliex?

ARGAN. Ma smajtx x'ġara kemm ili nieqes mid-dar?

SCAP. Xi ħaġa żgħira...

ARGAN. Ħaġa żgħira azzjoni ħażina bħal dik?...

SCAP. Int għandek raġun...

ARGAN. U żgur li għandi raġun... tort bħal dak lill-benefattur tiegħu...

SCAP. Veru, veru.

ARGAN. Jixħed dan id-diżunur fuqi u fuq il-familja tiegħi!

SCAP. Verissimu.

ARGAN. Min jaf in-nies x'qalet fuqi......

SCAP. Tassew... in-nies ilsienhom twil... malajr iqasqsu...

ARGAN. Bint is-Sur Organte tagħmel id-djun.

SCAP. *(Waħdu, jew lil Silvestru):* Bl-affari tal-fidda għadu ma jaf xejn. Tant aħjar.

ARGAN. Dan huwa għemil ta' nies baxxi.

SCAP. Ċertament.

ARGAN. Terribli!

SCAP. Teribilissimu!

ARGAN. Għamil li ħaqqu l-akbar kastig......

SCAP. Mela x'inhu...

SILVES. *(Waħdu):* Mgħarraq ta' Scapino! Minn flok iħaffifli aktar qiegħed itaqqalli l-ħtija...

ARGAN. Kif qatt nista' nidher iżjed quddiem is-Soċjetà b'din it-tebgħa fuq ġbini?

SCAP. Oh! Sur Argante! Int imbagħad qiegħed tkabbarha żżejjed.

ARGAN. Inkabbarha?... Bniedem onorat bħali jkollu bintu mċappsa bid-djun...

SCAP. Imma ħares sinjur, jiena tal-parir li ħaġa bħal din iżżommha moħbija.

ARAGAN. U jiena tal-parir kuntrarju... Irrid li tkun taf id-dinja kollha! Irrid naqleb id-dinja kollha biex kulħadd ikun jaf li jien m'inix kuntent b'dan l-għamil ta' ipokresija!

SCAP. Ukoll jiena meta ġejt naf ħassejtha titlagħli l-mustarda u biex ngħidlek is-sewwa ħadtha kontra bintek ukoll. Għidilha biex tara kif kantajtila l-isbaħ rumanza ta' rimproveri. Imma mbagħad meta smajt minn fommha x'kienet ir-raġuni li għamlet id-djun, allura qalbi saret ġunġliena u minflok tajtha tort tajtha raġun u faħħart it-tjubija tagħha.

ARGAN. X'inti tħawwadli Scapino?... M'għandhiex tort tagħmel dawk id-djun kollha biex tpaxxi lill-għarus tagħha?!...

SCAP. Lill-għarus tagħha?

ARGAN. U żgur, fl-ilbies, fil-ballijiet, fit-teatri, u kapriċċi oħra...

SCAP. Af li għandek żball, Sur Argante. Bintek Agnese mudell tat-tjubija li bħalha ma jeżistux ġo din il-belt. L-għarus tagħha Leondro fjur tal-galantomi, huma jħobbu lil xulxin bħal żewġ anġli u jgħixu għal xulxin bla ma jfittxu interessi.

ARGAN. U dawk id-djun kollha?

SCAP. Għax ħares sinjur...... Bintek tant hi qalbha tajba...... is-sema laqqagħha ma' familja li kienet tinsab fl-akbar faqar, qiegħda tmut bil-ġuħ; għandha xi tort li tagħti għaxar dukati biex tagħtiha għajnuna?

ARGAN. Għaxar dukati?

SCAP. Xejn iżjed minn għaxar dukati.

ARGAN. Biex ma tħallix familja tmut bil-ġuħ?

SCAP. Biex ma tħallihiex tmut bil-ġuħ. Kieku int li tant qalbek ħanina ma kontx tagħmel l-istess?

ARGAN. Imma lili qaluli ħaġ'oħra...

SCAP. L-ilsna ħżiena ma jonqsux ġo din il-belt, staqsi lil Silvestru, biex tkun taf il-verità.

ARGAN. *(Lil Silvestru)*: Huwa minnu dan li qal Scapino?

SILVES. Mhux veru sinjur, verissmu!

SCAP. Ma tarax sinjur, jiena sejjer inqarraq bik? Bil-ħabib tas-sinjura tiegħi?...

ARGAN. *(Lil Silvestru):* B'daqshekk ma tonqsox il-ħtija tiegħek Silvestru... Kien imiss lilek tikkontrolla l-ġenerożita ta' binti. 10 dukati eh?

SCAP. U għal 10 dukati tħalli familja tmut bil-ġuħ?

ARGAN. Ma kinux jonqsu nies għolja aktar minni biex jagħtuha għajnuna...... 10 dukati. Kemm jistgħu jgħixu, tliet xhur bihom?......

SCAP. Kieku kulħadd jaħsibha bħalek, il-foqra kollha jmutu bil-ġuħ sinjur.

ARGAN. Ha, Scapino, aqbad f'idejk. *(Jagħtih 10 skudi)* Mur ħallas id-dejn ta' binti.

SCAP. Tkun servut! *(Waħdu):* Għad fadal 140 oħra.

ARGAN. 10 dukati. Anqas biss irrid naħséb... *(Lil Silvestru):* Ikun gwaj għalik jekk darb'oħra ma tiftaħx għajnejk! Kunu afu jien djun ma rridx.

SCAP. Il-kawża l-kbira però m'humiex id-djun... hemm affarijiet oħra fin-nofs...

ARGAN. X'inhu? Halli nisimgħu! Hemm affarijiet oħra aktar gravi?

SCAP. Għadek ma tafx?

ARGAN. Tkellem, irrid naf kollox!

SCAP. Però navżak minn qabel sinjur, li la bintek Agnese u lanqas il-qaddej tiegħek Silvestru m'għandhom ħtija...

ARGAN. Hallik mit-tlablib, fittex għidli...

SCAP. Jiena nismagħhom jgħidu li "Min iħalli t-taraġ fid-dlam għandu jistenna li jaqsam rasu".

ARGAN. Tiġinix issa bil-proverbji... Għidli dak li hu fi ftit kliem.

SCAP. Xejn inqas u iżjed. Dwell.

ARGAN. Dwell bejn min?

SCAP. Kien ikun ma' bintek Agnese, iżda billi mara, ir-rival qatagħha li jiddwella miegħek.

ARGAN. Dwell miegħi? *(Imbeżża')*. Imma min hu dan il-wiċċ tost?

SCAP. Dan huwa uffiċċjal tal-kaċċaturi.

ARGAN. Uffiċċjal jisfidani għad-dwell minn flok binti?

SCAP. Uffiċċjal mogħla hawn, qisu ġgant! Mela x'inhu!

ARGAN. Imsejken jiena! Imma x'setgħet għamlet binti **biex** ġiebet dan il-gwaj fuqi? Jekk naraha, noħodha bil-ħartiet!...

SCAP. Tajtx hekk sinjur, bintek m'għandha ebda ħtija.

ARGAN. Kif m'għandhiex ħtija? Nista' jien nidħol garanti ta' dwell jekk binti m'għandhiex ħtija?

SCAP. Eppure m'għandhiex ħtija.

ARGAN. Għax aċċettat li jiddwella missierha?

SCAP. M'hux biss m'aċċetatx, infexxet f'bikja li ħadd ma seta' jsabbarha!

ARGAN. Tajjeb, biex ġara dan bil-fors li binti ddefendiet l-unur tiegħi?...

SCAP. Sinjur, proprju kif qed tgħid int. Hemm fin-nofs l-unur tiegħek...

ARGAN. Din ma kontx nistenniha.

SCAP. Dan l-uffiċċjal irid bilfors jiddwella sa l-inqas qatra demm, sa wara mewtu.

ARGAN. Fhiex kelli nsib ruħi Scapino, fi xjuħiti, sfidat għad-dwell!... Nista' naf sewwa x'kienet il-kawża ta' dan id-dwell?

SCAP. Min-naħa ta' bintek xejn.

ARGAN Allura għax għandi niddwella?

SCAP. L-imsejkna sinjurina bintek kienet qiegħda tieħu ftit arja friska fil-villa pubblika x'ħin għadda dan l-uffiċ-ċjal minn maġembha li mingħajr motiv ta' xejn beda jinsultana u jgħidilha: "Bint sangisug, xħieħ u ħalliel, ta' dak missierek Argante".

ARGAN. Dan lili?

SCAP. U qalilha mitt insolenza oħra kontra tiegħek.

ARGAN. U ma tagħtux erba' daqqiet ta' ħarta kif imis?

SCAP. Tagħtu daqqa ta' mrewħa fuq wiċċu. Imma dak kien armat sa sninu. Però t-twajba bintek baqgħet tiddefendi

l-unur tiegħek sakemm ħamritlu wiċċu, u qaltlu: "Li kieku minn flok mara kont raġel kont nurik jiena"! u kien hawn li l-uffiċċjal iddeċieda li jiddwella ma' missierha.

ARGAN. Jiddwella miegħi?

SCAP. Tak jumejn żmien biex taħsibha u qal li jekk wara jumejn ma tippreżentax ruħek fil-villa pubblika, jiġi huwa d-dar tiegħek u jiskarnak bħal majjal ma' dawk kollha li jaqbżu għalik.

ARGAN. X'waħda din! Scapino!!!

SILVES. (*Waħdu*): Imma kemm jiflaħ iħarref.

ARGAN. Hekk qal eh?

SCAP. Tennejt il-kliem tiegħu, Sinjur.

ARGAN. Ara ftit x'assassin eh? Imma nitħallas minnu bil-qorti...... sa fl-aħħar teżisti ġustizzja f'Genova għal dawn in-nies bla qalb u bla kuxjenza...... u meta jintemmu dawn il-jumejn li tani?

SCAP. Il-lejla.

ARGAN. Silvestru, fejn hi binti Agnese?

SILVES. Harġet ftit ilu, sinjur.

ARGAN. Nittama li ma jerġax jiltaqa' magħha dak il-misħut ta' uffiċjal......

SCAP. Ibqa' żgur li bintek mhix daqshekk bela li tmur tfittex l-okkażjoni...... u mbagħad qattiel bħal dak min irid ikollu x'jaqsam miegħu?

ARGAN. Imma fejn marret Agnese?

SILVES. Ma qaltlix, imma wegħditni li tiġi malajr......

ARGAN. Scapino, mur fittex lil dak l-uffiċjal u ġibu hawn fid-dar tiegħi ħalli nara nistax nirraġuna miegħu, u jiena sejjer għand il-ħabiba tiegħi Madame Lucia. Dik mara tbiegħ il-għaqal u hija tista' tagħtini parir. Iffurtunata hija li għandha binha tista' tiftaħar bih......

SCAP. Uh sinjur, ma ngħidx li l-għarus ta' bintek mhux tifel tajjeb, imma huwa wkoll ħawwad xi ħaġa.

ARGAN. Huwa wkoll eh?

SCAP. U forsi aktar ħoxna minn dik ta' bintek......

ARGAN. Imsejknin ġenituri li jerfgħu t-toqol tal-familja! *(Joħroġ)*.

### Xena 6

Silvestru u Scapino

SCAP. *(Lil Silvestru):* Fejn huma d-daqqiet ta' bastun?

SILVES. Nistqarrlek illi għaġibtni. Int verament bniedem kbir. Hekk bdejna tajjeb. Imma kif kellek il-ħila tivventa dik l-affari tad-dwell?

SCAP. Eh! Ma tridx wisq biex taqla storja minn żniedek.

SILVES. U issa din l-istorja kif sejjer tiżloq minnha?

SCAP. Kif dħalt fiha nerġa' noħroġ...... *(Jidħak)*. Dan ma hu xejn fejn l-affarijiet l-oħra......jiena kapaċi nivvinta rumanżi sħaħ......

SILVES. Issa bdejt nittama li għal nofs in-nhar ikollna f'idejna l-pużati tad-fidda......

SCAP. Bdejt biex tittama? Iddaħħakni. Allura ma kontx żgur mill-wegħda li għamiltlek?

SILVES. Biex ngħidlek is-sewwa kont ħsibt li m'għandekx ħlief tlablib u fanfarunati.

SCAP. Kemm int ħmar. Għal Scapino xejn ma huwa impossibli. *(Iċekċek il-flus fuq idu)*. 10 dukati jinsabu diġa', f'idejja, u issa naħsbu għall-bqija......

SILVES. Allura beħsiebek toħodhom kollha mill-but tas-Sur Argante?

SCAP. X'jidhirlek? Mela mill-but tiegħi? Ma tridnix immur nisraqhom hux? Id-djun ta' l-ulied, il-missier għandu jħallashom u jinħtieġlu jħallashom malajr...... għalkemm ngħiduha bejnietna xħieħ daqsu m'hawnx; imma miegħi għandu jagħmilha.

SILVES. Mur għidlu hekk, daqskemm jidhirlu li huwa spakkun u ġeneruż......

SCAP. Imma inti smajtni nkantahielu hux tassew? X'ħin għidtlu li dak l-uffiċjal jiġi hawn u jiskarnah bħal majjal, daħal ġo qoxortu......

SILVES. Haqqek min idendillek midalja tad-deheb fuq sidrek. Imma Scapino tiegħi, tinsiex li jonqsu sagħtejn biss għall-pranzu......

SCAP. Għal fejn din l-għaġġla kollha? Min jimxi bil-mod, jasal fil-bogħod, jasal kmieni u qawwi u sħieħ bid-dukati tad-deheb f'idu. Hallini nagħmel jien. In-nassa minsuba tajjeb u l-agħsfur ma jdumx ma jidħol fit-trabokk...... Jonqosni biss insib bniedem li jkun kapaċi jagħmilha ta' dak l-uffiċċjal tad-dwell li ma jeżistix. *(Jaħseb)*. Oqgħod ftit ħalli nara...... *(Iħares lejn Silvestru)*. Silvestru, oqgħod ftit dritt, niżżel il-kapell fuq għajnejk. Hekk, in-naħa tal-lemin bħalma jżommuh il-briganti...... Issa ieqaf fuq sieq waħda...... Poġġi idejk fuq qaddek u ħu xeħta ta' xi gwerrier famuż. Berraq aktar għajnejk. Hekk, bravu. Issa imxi bħal sultan tat-teatru...... Prosit, perfettament.

SILVES. *(Iqis li jseġwi f'kollox)*.

SCAP. Sibt dak li kont qiegħed infittex. Issa ejja miegħi. Nirrakkomandalek...... Issa jonqos insibu s-siġriet kif inbiddlu leħinna.

SILVES. Nitolbok biss li tħarisni minn xi daqqa ta' bastaun.

SCAP. M'hemm l-ebda biża'. Sena ħabs u iżjed ma tagħmillix effett. Imxi fuq il-passi tiegħi. *(Huma u ħerġin tingħalaq il-purtiera)*.

TMIEM TA' L-EWWEL ATT

# IT-TIENI ATT

F'bitha kollha fjuri

## Xena 1

Lucia u Argante

San Remo B-2.

LUCIA Eh! Habib tiegħi Sur Argante, in-negozju tal-ġojjelli għamilna qiesna familja waħda...... Mhux tassew?

ARGAN. U aktar inkunu meta binti Agnese tiżżewweġ lil ibnek Leondro......

LUCIA Hekk hu; għalhekk meta inti ġejt tieħu l-parir tiegħi, għidtlek ċar u tond li meta wieħed isiefer u jħalli 'l uliedu weħedhom fid-dar, jeħtieġ li tħalli lil xi ħadd tal-fiduċja minn flokok biex jindukrahomlok. Għaliex l-edukazzjoni tat-tfal mhix ħaġa taċ-ċajt.

ARGAN. Għaliex qiegħda tgħidli hekk?

LUCIA Il-kondotta ħażina ta' l-ulied aktarx titnissel mill-edukazzjoni li jagħtu l-ġenituri......

ARGAN. Nifhmek, imma nista' naf għaliex din il-filosofija kollha dalgħodu?

LUCIA Trid inkellmek ċar, futur kunajtu tiegħi?

ARGAN. Tkellem u taħbili xejn......

LUCIA Kieku inti lil bintek waqaftilha mill-ewwel, ma kienet tasal qatt biex tagħmillek dan l-għajb kollu.

ARGAN. Futura kunjata tiegħi, taf li jien ukoll nista' nagħmillek l-istess osservazzjoni, u ngħidlek: "Tabib, aħjar tikkura lilek innifsek".

LUCIA Fehemni aħjar; għidli, għidli......

ARGAN. Xejn, xejn; kont qiegħed nitkellem mal-kappell tiegħi.

LUCIA Le, Sur Argante; issa tħallinix bil-kurżità.

ARGAN. Inti rabbejtu tajjeb lil ibnek?

LUCIA M'għandi ebda rimors tal-kuxjenza u kien jiddispjaċini mhux ftit kieku ibni għamilli waħda mill-għaxra li għamlet bintek......

ARGAN. U jekk dan ibnek li edukajtu hekk tajjeb għamel frejjeġ aktar milli għamlet binti?......

LUCIA Kif?! Kif?!

ARGAN. Kif? Bil-għaġeb u t-teftif.

LUCIA Trid tiċċajta, Sur Argante?

ARGAN. Għalhekk qatt m'għandek tiġri biex tikkundanna lil-għajrek. Qabel tgħid lil wieħed "Hodbi", trid qabel tħares jekk intix ħodbijja int......

LUCIA Ma nistax nifhem. Dalgħodu qiegħed titkellem wisq diffiċli......

ARGAN. Allura qabbad lil min ifehmek......

LUCIA Sur Argante, għal dak ir-rispett li jorbotna, għidli, smajthom igħidu xi ħaġa fuq ibni?

ARGAN. Jista' jkun.

LUCIA Allura għaliex qiegħed taħbili? Għidli, x'qalu fuq ibni?

ARGAN. Scapino, il-qaddej tiegħek, jista' jgħidlek aħjar minni. Staqsi lilu.

LUCIA Scapino jaf li meta kont imsiefra jien, ibni ġieb ruħu ħażin?

ARGAN. Inti aħjar tistaqsih. Jien, ngħid għalija, sejjer nikkon-konsulta ruħi ma' avukat. Arrivederci. *(Jitlaq)*.

LUCIA Din jeħtieġ narawha.

## Xena 2

Lucia waħeda u mbagħad Leondro

LUCIA Il-kondotta ta' ibni hija agħar minn ta' bintu! Tmur tagħmel dawk id-djun kollha fuq spallejn missireha; allura dan ibni Leondro x'seta' għamel? Sa fejn naf jien ibni ma stieden lil ħadd għad-dwell. Tagħmel az-zjoni bħal dik, tobbliga lil missierha jiddwella min-ħabba l-kapriċċi tagħha. Is-Sur Argante jgħid li bintu m'għandha ebda ħtija; imma jiena, jekk nara li l-affari tiegħu piega ħażina, inħassar iż-żwieġ! Mela x'nagħ-mel...... Oh! Hekk hu l-galantom ibni Leondro.

LEON. *(Imur jiġri biex jgħannaq 'l ommu)*. Oh! maħbuba ommi! Liema ferħ!

LUCIA *(Treġġgħu lura)*. Bil-mod, bil-mod. Qabel xejn għandna xi kontijiet x'nagħmlu bejnietna......

LEON. Hallini ngħannqek mamà......

LUCIA *(Terġa' treġġgħu lura)*. Għidtlek bil-mod.

LEON. Kif? Bħala iben għażiż tiegħek ma nistax nurik il-ferħ ta' qalbi billi nagħtik dik it-tgħannieqa talli rajtek ġejt qawwija u sħieħa mis-safar?

LUCIA Għad mhux il-waqt. Irrid qabel niċċara ċerta aħbar li smajt fuqek.

LEON. X'aħbar mamà?

LUCIA Aħbar ta' kif ġibt ruħek meta jiena kont imsiefra. Hallini nħares lejn wiċċek. *(Tiffissah)*.

LEON. Kif?

LUCIA Hares lejn għajnejja.

LEON. Mela ma nħarisx.

LUCIA X'ġara f'dan iż-żmien li ili nieqsa mid-dar?

LEON. X'ġara mamà?

LUCIA Mela, irrid naf x'ġara kemm ili nieqsa mid-dar!

LEON. Jiena għamilt xi ħaġa?

LUCIA M'għamilt xejn li bih tnikkitli qalbi?

LEON. Xejn li bih inrexek.

LUCIA Imma proprju xejn, xejn?

LEON. Sa fejn naf jien......

LUCIA U x'wiċċ tost...... eh? Xejn......

LEON. Meta naf li m'għandi ebda ħtija......

LUCIA Imma Scapino ma qalx li m'għamilt xejn...... Huwa tani xi aħbarijiet ma tantx huma sbieħ fuqek.

LEON. Scapino?

LUCIA Oh! Dan l-isem iħammarlek wiċċek.

LEON. Iħammarli wiċċi iva, imma mhux bil-mistħija; bir-

rabja li qanqaltli għalih! X'jista' jgħid Scapino fuq il-kondotta tiegħi, mamà?

LUCIA Dan mhux il-post fejn għandna niċċaraw din il-kwistjoni..... Mur id-dar, jiena ġejja warajk...... u hemm-hekk niċċaraw kollox. Oh! ja traditur, jekk inti ddiżonorajtni, tgħidx li jiena ommok! U minn issa stess tista' titlaq minn quddiemi! *(Titlaq bil-ħerra)*.

LEON. Mgħarraq ta' Scapino. X'mar infamani? Min jaf x'mar qalilha lil mamà? Sa fejn naf jiena ma għamilt xejn ħażin..... Imma beħsiebni nħallsu lil Scapino!

## Xena 3

Agnese, Scapino u Leondro

LEON. *(Imur jiġri fuq Agnese)*. Agnese! Fittixtek ħafna.

AGNESE Għażiż Leondro. Ninsab imħabbta ħafna! Is-slaleb ma jonqsux.....

LEON. Imma fl-aħħar tasal dik il-ġurnata li jkollna d-dar tagħna......

AGNESE Minn fommok 'l Alla. Ninsab inkwieta mhux ftit. Minn Alla li kien il-qaddej tagħkom Scapino għalija......

LEON. Dak? Dak miegħi għandu jagħmilha!

AGNESE Leondro, qiegħda narak imbegħren......

LEON. U żgur, ma tafx x'mar gideb fuqi dak il-mingħul ta' Scapino!

AGNESE Kif? Jiena sibtu anġlu tas-sema miegħi! ***(Iddur bil-ħlewwa fuq Scapino)***. Maħbub Scapino, kemm għandi għax niżżik ħajr! Kemm nagħti ħajr lis-sema li bagħtek maġenbi biex tagħtini din il-għajnuna. Inti bniedem tasssew tal-għaġeb!

LEON. *(Lil Scapino)*: Jien ukoll, inħossni msaħħar li narak quddiemi, ja brikkun l'int! *(B'ironija)*.

SCAP. Il-qaddej tiegħek, sinjurinu. Qiegħed tonorani wisq, Sur Leondro.

LEON. *(Joħroġ ix-xabla)*. Minn fuq trid tgħaddini biż-żmien ukoll...... Ngħallmek jien kif tigdeb fuqi! *(Jheddu bix-xabla)*.

SCAP. *(Jinżel għarrkopptejh)*. Sinjur!

AGNESE Leondro, x'inti tagħmel?

LEON. Agnese, nitolbok ħallini nivvendika ruħi! *(Jaġixxi)*.

AGNESE Leondro! Nitolbok, daħħal dik l-arma! Ixxerridx demm innoċenti!...... *(Tipproteġi lil Scapino)*.

LEON. Jeħtieġlu jħallas it-tort li għamilli!

AGNESE Għal dik l-imħabba sabiħa li torbotna Leondro, nitolbok bil-ħniena, daħħal dik l-arma fi ħżiemek!

SCAP. Imma sinjurinu! Jħassra nista' naf x'għamiltlek jien? *(Sadattant Leondro għadu jissara biex ifieri lil Scapino)*.

LEON. Tistaqsini x'għamiltli, eh? Jà sfaċċat!

AGNESE Leondro! Jaħasra! Tħallinix ngħajjat l-ajjut! Scapino huwa fjur tal-galantomi! Ma tafx inti kemm ġid għamilli......

LEON. Tajjeb, allura jeħtieġlu jistqarr malajr l-għamil ħażin tiegħu, altrimenti...... Scapino, jiena informat minn kollox...... Int irrendejtni infeliċi! Int qatt ma kont tistenna li jiena nsir naf bil-gideb tiegħek. Issa jew tgħidli x'mort qlajt fuqi, jew ninfidlek sidrek b'din ix-xabla!

SCAP. Imma sinjurinu...... inti qatt tista' tiddubita?

LEON. Mela tkellem......

SCAP. Jiena għamiltlek xi tort?

LEON. Għamiltli iva! Il-kuxjenza tiegħek ma tgħidulekx?

SCAP. Ma tgħidli xejn...... Nassigurak......

LEON. *(Javanza biex ifieri lil Scapino)*. Giddieb! Tagħmel ta' bir-ruħek li ma tafx!

AGNESE *(Iżżomm driegħ Leondro)*. Leondro! Trid tbikkini?

SCAP. Iva, tajjeb; ġaladarba trid taf, inqerr kollox. Kont jien ma' ħbiebi li xrobna dik id-dominjana tal-marsala u biex ma ninqabadx ħallejt il-vit miftuħ għal taparsi ħareġ waħdu.

LEON. Oh! Mela inti xrobtha l-marsala li rregalawli s-sena l-oħra. U minħabba fik weħlet is-seftura.

SCAP. Nitolbok taħfirli, sinjurinu.

LEON. Għandi l-pjaċir li nkun naf, iżda jiena minn ħaġ'oħra xtaqt inkellmek......

SCAP. Mhux fuq din ridt tkellimni?

LEON. Le, fuq ħaġa li tolqot aktar lil qalbi.

SCAP. Ma niftakar li għamilt xejn iżjed.

LEON. *(Irid iferih)* Ma tridx titkellem?

AGNESE Leondro! Aħfirlu Leondro!

SCAP. Issa qiegħed niftakar. Tliet ġimgħat ilu, meta bgħattni nġiblek l-arloġġ tad-deheb tiegħek mingħand l-arloġġar jiena ġejt bi ħwejġi mċappsin kollha tajn u wiċċi maħsul bid-demm u għidtlek li għamlu għalija l-ħallelin u serquli l-arloġġ. Jiena dħakt bik, għaliex dak l-arloġġ kont żammejtu għalija biex nara x'ħin hu.

LEON. Ja brikkun ħalliel! Dan ukoll għandi nisma'?!

SCAP. Hadtulek biex inkun naf x'ħin hu.

LEON. Qiegħed nikxef affariijet ġodda...... Għandi miegħi qaddej tassew fidil. B'danakollu mhux hawn irrid nasal; hemm affarijiet oħra li rrid inkun naf minn fommok.

SCAP. Affarijiet oħra?

LEON. Iva, infami! *(Jheddu)*.

SCAP. *(Waħdu)*. Ara jien ukoll qiegħed niftaħlu qalbi għassigrieti kollha.

LEON. Eħlisni, m'għandix żmien x'nitlef.

SCAP. Għidtlek kollox. M'għandi xejn iżjed xi ngħidlek.

LEON. *(Irid iferih)*. Xejn m'għandek xi tgħidli iżjed? Qiegħed tistieden il-mewt.

AGNESE Leondro, tħallix il-passjoni tirbħek. Jekk inti toqtlu, addio ż-żweġ tagħna!

SCAP. Iva, sinjurinu, nitolbok taħfirli jekk inti taf xi ħaġa u jiena lest biex inwieġbek......

LEON. Inti trid tgħidli spontanjament.

SCAP. Qiegħed niftakar xi ħaġ'oħra. Tiftakar meta dik il-Befana tagħtek xebgħa bastun u gerbitek fil-foss?

LEON. Nifṫakar; għidli......

SCAP. Dik il-Befana kont jiena. *(Dejjem ifittex li jwarrab rasu mid-daqqiet).*

LEON. Int ja traditur! *(Jiġri warajh).*

SCAP. Iva, biex nivvendika ruħi minn dik id-daqqa ta' sieq li kont tajtni.

LEON. Kont għoddok qtiltni, ja raġel ħażin! Imma wasal il-mument li npattilek ta' kollox...... jekk ma tgħidlix x'mort għidt lili-mamà tiegħi, għada x-xemx ma titlax għalik!......

SCAP. Jien? Lill-mamà tiegħek?

LEON. Iva, lill-mamà. Għidli, għax il-paċenzja waslet fix-xifer...... X'mort tnassas fuqi?

SCAP. Minn mindu ġiet mis-safar għadni lanqas biss rajtha.

LEON. Giddieb! Ma rajthiex?

SCAP. Issa żżejjed, sinjurinu......

LEON. Żgur ma rajthiex?

SCAP. Żgurissimu!

AGNESE Qiegħed igħid is-sewwa; għandek temmnu, għaliex huwa kien qiegħed jitħabat biex jagħmel att ta' karità lili, li fl-aħħar mill-aħħar għall-ġid tiegħek ukoll.

SCAP. Imxi ħalli nistaqsu lill-mamà tiegħek stess.

LEON. Jekk għżatek hija nfisha.

SCAP. Skużani, imma qalet gidba.

## Xena 4

Silvestru u ta' qabel

SILVES. *(Jidħol bil-għaġġla u jmur fuq Leondro).* Għadni kemm iltqajt mas-Sur Lorenzo Scotti; kien sejjer id-dar tiegħek!

LEON. Id-dar tiegħi x'kien sejjer jagħmel?

SILVES Qal li jinħtieġlu jħallas pagament il-lum stess u għalhekk mar biex tagħtih dawk il-flus li silfek.

LEON. Imsejken jiena!

SCAP. *(Lil Leondro)*. Dejn eh?! Nifraħlek.

SILVES. *(Dejjem lil Leondro)*: U billi sar jaf li l-mamà tiegħek ġiet lura mis-safar, mar biex jitlobha l-flus li kien silfek.

LEON. Mar ifittex lill-mamà?

SILVES. Hekk qalli.

LEON. Mitluf jiena! *(Idaħħal ix-xabla fil-għant)*. Silvestru, nitolbok bil-ħniena! Mur malajr ilħaq lis-Sur Lorenzo Scotti u għidlu li għidtlek jiena li qabel idoqq nofs innhar il-flus li silifni jkunu għandu u agħmel li tista' biex ma tħallihx jitkellem mal-mamà. Iġri.

SILVES. Tajjeb sinjur. *(Jitlaq)*.

LEON. *(Umiljat, lil Scapino)*: Scapino qiegħed tisma'?......

SCAP. Għandi pjaċir.

LEON. *(Impostur jgħaddi kemm il-darba minn quddiem Scapino, bħal min irid jitlob xi favur bil-ħniena)*. Scapino, naf kemm għandek qalbek tajba...... Ħabib tiegħi Scapino.....

SCAP. *(Iqabbeż sidru rebbieħ)*. Dażgur issa li għandek bżonni "Ħabib tiegħi Scapino".

LEON. Ara Scapino, naħfirlek kull azzjoni ħażina li għamiltli, imma f'din id-disgrazzja tħallinix waħdi......

SCAP. Ara taħfirli xejn. Ħa, infidli sidri bix-xabla. *(Jippreżenta sidru)*. Infed ħa, nieħu gost narak toqtolni.

AGNESE Scapino, għidtli kemm-il darba li int kapaċi tgħaddi min-nar biex tara ż-żwieġ tagħna jittrijonfa. Issa huwa l-waqt li tagħtina prova......

SCAP. Jiddispjaċini għalik, sinjurina, imma in kwantu għall-padrun tiegħi Leondro, aħjar joqtolni.

LEON. *(Impostur)*. Ma tarax, noqtol lilek...... lill-feddej tal-ħajja tiegħi! Inti bil-għaqal kollu ħriġtni mill-għawġ kollu, issa sejjer tabbandunani?

SCAP. Qiegħed ngħidlek niffidli qalbi u ngħidlek grazzi.

LEON. Taħsibx iżjed f'dawn il-ħmerijiet. Aħseb biex issalvani mill-qilla tal-mamà tiegħi.

AGNESE Isa Scapino, twebbisx rasek; l-għarus tiegħi qiegħed jitolbok bil-ħniena...... agħtih l-għajnuna. tiegħek bħalma tajt lili.

SCAP. Wara li ried jinfidli sidri eh? u jaħsilni bid-demm tiegħi!

LEON. Kien mument ta' saħna, imma issa jiena fhimt li inti m'għandek ebda ħtija. Għalhekk ninsew kollox u agħtini l-għajnuna tiegħek.

AGNESE Tara Scapino; Leondro ma jżommx f'qalbu, u inti......

SCAP. Għax ħarsu, dan l-insult inħossu għamilli ġerħa ġewwa qalbi!

LEON. Allura sejjer tħallini ngħawm waħdi f'tempesta bħal din? Oh! Jekk tiġi taf il-mamà bid-djun tiegħi żgur tkeċċini 'l barra mid-dar......

SCAP. Mela tiġi tgħid li jiena għawwejt lill-mamà tiegħek kontrik.

LEON. Naf illi għandi tort......

SCAP. Tgħidli ħalliel, giddieb, infami eh?

LEON. Jiddispjaċini......

SCAP. Tniffidli qalbi?

LEON. Nitolbok taħfirli.

SCAP. *(Waħdu)*. Dan biss kont nistenna, li jitlobni maħfra. *(Kuntent)*.

LEON. Scapino, inti forsi taf, jiena ssellift dawk il-flus mhux għall-kapriċċi tiegħi, iżda biex nagħmel att ta' beneficenza.

AGNESE Scapino, għal dak l-imsejken iltim li wrejtek.

SCAP. Għaċ-ċkejken Ġuljetto?

AGNESE Għal Ġuljetto.

LEON. Biex inħallsulu l-ispejjeż tal-kulleġġ.

SCAP. U mela għax ma għidtulix mill-ewwel li għal Ġuljetto? Għal dak nagħmel kollox

LEON. Kollox sewwa, Scapino?

SCAP. Nagħmillek mill-aħjar.

LEON. Però m'għandniex żmien x'nitilfu...... Iż-żmien qiegħed jagħfas...... Fadal biss siegħa u nofs għal nofs innhar.

SCAP. Tħabbilx rasek għall-ħin...... Kemm għandek bżonn?

LEON. Għoxrin skud.

SCAP. *(Lil Agnese)*: Għalik minn għalija konna għidna 1,500 mhux tassew?

AGNESE Le, 150 skud.

SCAP. Għalija 1,500 jew 150 xorta waħda...... Imma qiegħed nara riesaq 'l hawn il-papà tas-Sinjurina Agnese. Nibdew minnu. Sur Leondro, inti mal-għarusa tiegħek morru u ħalluni waħdi. Però sinjurina, avża lill-qaddej tiegħek Silvestru biex jiġi malajr hawn u jagħmel dak li għidtlu...... *(Agnese u Leondro jitilqu mix-xellug; mil-lemin jidħol Argante)*.

## Xena 5

Scapino u Argante

SCAP. *(Jippassiġġa)*. Jidher ħosbien il-ħabib tagħna. Miexi qiesu fis-sakra...... Naturalment għadu qiegħed jaħseb fuq id-dwell...... *(Jidħak)*. Oh! Oh! Oh! Belagħha daqs mazzun...... Issa jeħtieġ nagħtu n-nar lill-mina.

ARGAN. *(Jidħol ħosbien)*. Tmur tindaħal f'dawn il-praspar. Oh! Dawn ix-xebbiet ta' daż-żmien agħar mis-subien.

SCAP. Qaddej umilissimu tiegħek, Sur Argante.

ARGAN. L-għodwa t-tajba, Scapino.

SCAP. Forsi għadek taħseb fuq bintek? Fuq dak id-dwell?

ARGAN. X'jidhirlek? Ma nistax insib paċi! Qatt ma ġrali biċċa bħal din!

SCAP. Eh! Sur Argante, il-ħajja hija kollha mrar...... Jeħtieġ li żżomm ruħek dejjem armat għal dak li jista' jinqala'. Jiena meta kont għadni żagħżugħ kont smajt sentenza mingħand wieħed filosofu li ma nsejtha qatt......

ARGAN. U tkun?

SCAP. Illi meta l-missier jitbiegħed mid-dar għandu jistenna l-gwaj kollu...... Bħal meta ngħidu aħna tieħu n-nar id-dar, il-kaxxa forti misruqa, issib lill-mara mejta, it-tifla sieqa miksura, eċċ., eċċ. U jekk ma sibt xejn minn dan, għid li tassew xortik tajba. Jiena, per eżempju, fil-filosofija tiegħi, meta nidħol fid-dar tal-padruna, nistenna dejjem xi għajta, xi daqqa ta' ħarta, meta ma tkunx xi daqqa ta' xkupa fuq is-sinsla ta' dahri u meta noħroġ b'wiċċ il-ġid nirringrazzja lill-qaddisin kollha.

ARGAN. Esperjenza sabiħa...... Imma dan l-imgħarraq ta' dwell, avolja l-avukat assigurani li nirbaħ il-kawża, imma ninsab mitluf minn sensija.......

SCAP. Fuq l-unur tiegħi, Sur Argante, minn flok ma tmur tinxteħet f'dgħebien ta' kawżi, nagħtik parir li jkun aħjar li tirranġa l-faċenda b'xi ħaġa tal-flus...... inti taf x'ifisser ikollok x'taqsam mal-qorti f'din il-belt ta' Genova!

ARGAN. Għandek raġun ; imma kif naqbad nagħmel?

SCAP. Ara, ħalli ngħidtlek...... *(Jaħseb)*. Iva mela, hemm mezz kif wieħed jeħles mid-dwell...... It-tjubija tiegħek stess inspiratni.

ARGAN. Grazzi Scapino. Inħossni obbligat ħafna lejk.

SCAP. Għax jiena, biex ngħidlek, diġà mort għand dak l-uffiċjal tal-kaċċaturi li stiednek għad-dwell. Raġel mgħola hawn, għad-dwell ħadd ma jirbaħlu ; ma jitkellimx ħlief li jinfed xi qalb, jew jaqta' xi driegħ, jew jaħsad xi ras...... u joqtol bniedem bħal tazza ilma.

ARGAN. Ma kienx mument li binti ltaqgħet miegħu!

SCAP. L-uffiċjal malajr waqqagħli d-diskors fuq id-dwell u jien fehemtu li inti għandek ħafna mezzi kif tirranġaw bejnietkom mingħajr tixrid tad-demm, u beżżajtu wkoll bil-qorti.

ARGAN. U huwa x'qallek?

SCAP. Huwa qalli li jitmellaħ mill-ġustizzja. Huwa jrid bilfors jiddwella u qal ukoll li qabel ma l-ġustizzja tieħu passi huwa jkun qatel diġà lill-missier u lil bintu......

ARGAN. Dan x'annimal hu?

SALESIAN ORATORY
ALEXANDRA STREET
SLIEMA-MALTA

SCAP. Mhux annimal, ximpanżin! Allura, wara li ġibtlu ħafna raġunijiet, wassaltu biex jikkuntenta jħassar id-dwell għal somma ta' flus......

ARGAN. U xi kemm talab?

SCAP. Għall-ewwel talab somma kbira.

ARGAN. Imma kemm?

SCAP. Xejn inqas u iżjed; sitt mitt zekkin tad-deheb.

ARGAN. Sitt mitt foxna jinfdulu qalbu! Ja ħalliel assassin! Irid jiċċajta forsi?......

SCAP. Jien għidtlu sinjur, li inti m'intix xi bniedem imbeċilli biex tħallih joħodlok sitt mitt zekkin minn ġol-but; allura niżilli......

ARGAN. Xi kemm?

SCAP. Allura beda biex jagħmel xi kontijiet. Qalli: "Irrid nixtri żiemel mhux anqas minn tmenin skud".

ARGAN. Dan wisq. Imma neħilsuha...... għal tmenin skud ma rridx inħassar demmi kollu jew nibqa' mejjet taħt il-ponta tax-xabla tiegħu.

SCAP. U mbagħad qalli li jeħtieġlu jixtri x-xedd taż-żiemel li jiswa ħames skudi oħra.

ARGAN. Tmenin u ħamsa jġibu ħamsa u tmenin.

SCAP. Sewwa.

ARGAN. Dan irid iġib fix-xejn lill-familja tiegħi. Imma aħjar hekk jew id-dwell.

SCAP. U mbagħad jinħtieġlu daqsxejn ta' pony ieħor għall-assistent tiegħu, li jiswa erbgħin skud oħra.

ARGAN. Kif, għall-assistent tiegħu wkoll? Għidlu jmur jitgħallaq aħjar! Inqas ħabba ma nagħtih!

SCAP. Sur Argante, għall-imħabba li ġġib lil bintek, ma nħassrux l-affari għal bagatella......

ARGAN. Bagatella? Mhux ħlief ħalliel assassin! Impertinenti!

SCAP. Allura trid li l-assistent tiegħu jmur bil-mixi?

ARGAN. Imma jien x'jimpurtani b'hiex imur......

SCAP. Sur Argante, tagħżel li taqa' taħt l-avukat biex iġagħlek tonfoq id-doppju?

ARGAN. Saħta! Li ma kienx għalhekk. Tajjeb, nagħtih dawk ukoll.

SCAP. Fl-aħħarnett ikollu bżonn......

ARGAN. Għad fadal?

SCAP. Huwa jgħid li jkollu bżonn ta' ħmar biex iġorrlu......

ARGAN. Imur l-infern hu bil-ħmar tiegħu wkoll! Le! Le! Dan iżżejjed! Nidħlu fil-qorti.

SCAP. Tkun vera disgrazzja.

ARGAN. Ma rrid nisma' xejn iżjed!

SCAP. U iva, dan id-daqsxejn ta' ħmar......

ARGAN. Xejn, xejn u xejn!

SCAP. Aħsibha tajjeb......

ARGAN. Nidħlu fil-qorti.

SCAP. Fil-qorti?...... Ħsibt biżżejjed il-konsegwenzi...... Tidħol fil-qorti?...... U mbagħad tara kemm appelli fil-qorti t'isfel, fil-qorti ta' fuq, kulħadd irid ibill idejh fil-borża tal-flus tiegħek: prokuraturi, avukati, maġistrati, imħallfin, marixxalli u mija oħra mpjegati li ma jispiċċaw qatt... Oh! Sur Argante, jekk tista' teħles minn dak l-infern! Il-ħsieb huwa biżżejjed biex toqgħod seba' mili bogħod mill-qorti.

ARGAN. Kemm jista' jqum dan il-misħut ta' ħmar?

SCAP. Kollox flimkien jiswew 150 skud.

ARGAN. 150 skud?!

SCAP. Inqas ħabba iżjed.

ARGAN. Nagħtih 150 daqqa ta' bastun lil dak il-ħalliel ta' fizjal. Aħjar nidħlu l-qorti.

SCAP. Għandek ftit żmien x'taħsibha......

ARGAN. Ħsibtha, tiddeċidiha l-ġustizzja.

SCAP. Allura trid?......

ARGAN. Nagħmillu proċess, inqaxxru ħaj!

SCAP. U biex tagħmillu proċess ma tridx tonfoq ħafna flus ukoll...... Trid flus biex tikkonsulta ruħħek, għall-prokura, għall-firma, għall-ispedizzjoni, għat-taxxi, għall-avukati, għall-konsillieri, skrivani. Hija vera rovina...... Barra milli trid tħallas it-tips u xi rigali oħra...... Ajma jommi l-qorti, taqta' sandar......

ARGAN. Inħallas kull ma jkun hemm bżonn, imma lil dak l-assassin ma nagħtihx ħabba waħda...... Nagħtih qrun ta' baqra......

SCAP. Imma jaħasra, jekk int tagħmel il-kont x'tonfoq fil-qorti u x'tagħti lill-uffiċjal, issib li sejjer tiffranka mitejn skud żgur...... Mingħajr ma tqis imbagħad kemm tiffranka dwejjaq, taħbit, ġlied...... insomma dak kollu li ġġib magħha kawża fil-belt ta' Genova......

ARGAN. Dan kollu diskors fieragħ; irrid assolutament intellgħu quddiem l-imħallef......

SCAP. Mela agħmel kif jogħġbok...... jiena, ngħid għalija, nagħżel li tirranġaw bejnietkom......

ARGAN. Ma nirranġa xejn u ma nagħtih xejn

SCAP. *(Jgħaġġibha)*. Santa Barbara!!

ARGAN. X'ġara?

SCAP. Ġej! Huwa! L-uffiċjal tad-dwell.

Ben Hew
Side A – No 7

**Xena 6**

Silvestru, Argante u Scapino

Fade Out.

SILVES. *(Jidħol liebes ta' uffiċjal wiċċu mgħotti b'nofs maskra sewda u f'idu xabla kbira. Pompus, kważi esaġerat)*. Scapino, jekk jogħġbok taf tgħidli min huwa s-Sur Argante, missier is-Sinjurina Agnese?

SCAP. Għal fejn trid tkun taf, sinjur?

SILVES. *(Dejjem parti finta ma' Scapino)*. Għaliex qaluli li jrid jagħmilli proċess.

SCAP. Jekk għandux din il-fehma ma nafx, naf tajjeb però li ma jridx iniżżilha li jħallas 150 skud biex jitħassar dak l-imgħarraq ta' dwell.

SILVES. Iva eh? Rahom wisq 150 skud?

SCAP. Sinjur, ara tistax tnaqqaslu xi ħaġa......

SILVES. Ras ta' kanun, denb ta' fekruna! Jekk insibu nkissirlu s-sinsla ta' dahru! Naqtagħlu sieqù, dirgħajh it-tnejn! Għiduli fejn nista' nsibu? *(Jibda jxejjer ix-xabla fl-ajru. Argante, imwerwer, ifittex li jinħeba wara Scapino biex ma jaraħx)*.

SCAP. *(Dejjem lil Silvestru)*. Kun af sinjur li l-Papà ta' Agnese huwa bniedem li ma jibża' minn ħadd......

SILVES. Ma jibża' minn ħadd? Ġibuli quddiemi ħalli nniffidlu sidru b'din ix-xabla *(Jilmaħ lil Argante)*. Dan ir-raġel min hu?

SCAP. Mhux hu, sinjur, mhux hu.

SILVES. Allura xi wieħed mill-ħbieb tiegħu?

SCAP. Le, anzi għadu tiegħu mill-kbar.

SILVES. Għadu tiegħu?

SCAP. U jobogħdu għall-mewt.

SILVES. Bravu, nifraħlu ras ta' kanun! *(Idur fuq Argante)*. Sinjur, inti għadu kbir ta' dak il-fakkin ta' Argante?

SCAP. Qiegħed ngħidlek li iva.

SILVES. *(Jieħu b'id Argante u jagħfashielu)*. Ġib dik l-id 'l hawn ma' sidri! Nagħtik kelma ta' uffiċjal tal-kaċċaturi u naħliflek fuq l-unur tiegħi u għall-ġieh ta' din ix-xabla li nġib fuqi li ma' tlugħ il-qamar kwinta nkun ħlistek minn dak il-buffun ta' Argante. Fuq l-unur tiegħi, ħalli f'idejja......

SCAP. Isma' sinjur, f'din il-belt mhux permess terfa' idejk fuq għajrek......

SILVES. Jiena m'għandix bżonn ta' permessi, għax m'għandi xejn x'nitlef......

SCAP. Is-Sur Argante għandu qaddejja u ħafna neputijiet min jaqbeż għalih......

SILVES. Xejn ma nixtieq aħjar, demb ta' fekruna! *(Ixejjer ix-xabla u jagħmel għal taparsi qiegħed jiddwella)*. Fejn

huma? Għidilhom jiġu hawn quddiemi! Imqar kienu tletin armati, m'inix ser nibża' minnhom. Avanti! Ilqa' din! Qiegħed tibża'? Ersaq ftit ieħor...... Vili! Għaliex qiegħed terġa' lura? Ġifa, tibża' li noqtlok? Qiegħed tibża' minni, ja vili? *(Sadattant Silvestru bix-xabla tiegħu qiegħed jisfida sew lil Argante kemm lil Scapino).*

SCAP. Sinjur, jaħasra nizzżiltli msarni f'saqajja! Aħna ma naħtu xejn...... Ikollok ħniena minna!......

SILVES. Min iġġieled mal-mewt fuq il-kamp tal-battalja mhux sejjer jibża' minn erba' dubbiniet...... *(Jitlaq b'sidru mqabbeż).*

EXIT

SCAP. *(Lil Argante):* Qiegħed tara kemm nies qatel għall-150 skud li għandek tagħtih......

ARGAN. *(Imbikkem).* Scapino......

SCAP. Għidli sinjur.

ARGAN. Iddeċidejt li nagħtihomlu.

SCAP. Hekk mela, sinjur. Għall-imħabba li nħobbok jaħasra.

ARGAN. Imxi, imxi nsibuh; għandi l-flus fuqi.

SCAP. Agħtihomli ħalli nwassalhomlu jiena. Aħjar ma terġax tiltaqa' miegħu......

ARGAN. Iva, imma nixtieq inkun naf lil min sejjer nagħtihom.

SCAP. Ma tafdanix?

ARGAN. X'inti tgħid, Scapino?

SCAP. Qattus il-krafes! Tassew li Scapino msemmi għall-għaqal u l-ħażen tiegħu, imma ħares sinjur, jekk inti ma tafdanix, tqisnix iżjed biex nindaħal f'din il-biċċa tiegħek...... Sib lil ħaddieħor biex jeħilsek mid-dwell. Jekk imbagħad tmut taħt ix-xabla, tiġix toħodha miegħi......

ARGAN. Le, le, Scapino. Hawn ħa.

SCAP. Le, għax għandi mnejn nisraqhomlok.

ARGAN. U ħallik miċ-ċajt. Hudhom u tħallinix ninħanaq. *(Scapino jieħu l-flus).* Imma ara li tkun żgur minn dak il-kelb ta' uffiċjal.

SCAP. Halli f'idejja ; mhux sejjer jidħak bija.

ARGAN. Jiena sejjer nistenniek id-dar tiegħi. *(Jitlaq bil-ħeffa).*

SCAP. Tajjeb ħafna sinjur. Imbagħad niġi u nagħtik ir-riżultat ta' kollox. Dan huwa wieħed...... Issa mmorru nfittxu lis-Sinjura Lucia. Liema xorti! Donnhom ftehmu li jaqgħu wara xulxin fix-xibka tiegħi. Imma din is-sinjura hija għadma aktar iebsa, daqskemm hi xħieħa...... Però 100 skud nisloħhomlha żgur......

## Xena 7

Scapino u Lucia

SCAP. *(Tidħol Lucia. Scapino jagħmel ta' bir-ruħu li ma rahiex).* Oh! Xi żventura kemm hija kbira!! Imsejkna qalb ta' omm!

LUCIA Dan x'għandu? Xi ġralu b'dak il-wiċċ ta' bniedem iddisprat?

SCAP. *(Għadu taparsi ma rahx lil Lucia).* Imsejkna padruna tiegħi! Dik il-qalb ta' anġlu, Sinjura Lucia! Kemm kellha tkun żventurata!

LUCIA X'inhu li ġara, Scapino?

SCAP. Oh! Sinjura, kemm fittixtek mal-belt kollha!......

LUCIA Imma ġara xi ħaġa?

SCAP. Lanqas irrid naħseb! Imsejkna padruna tiegħi! *(Kważi taparsi jibki).*

LUCIA Iva, billi tgħidli msejkna ma nagħmlu xejn. Spjegali...

SCAP. X'disgrazzja, kemm hi terribbli, sinjura!

LUCIA Disgrazzja li tolqot lili?

SCAP. Iva, l-iben għażiż tiegħek Leondro.

LUCIA Ibni? Fittex irrakkontali......

SCAP. Mela, waqgħet fuqu disgrazzja kbira!

LUCIA X'disgrazzja?

SCAP. Billi rajt lil ibnek qalbu sewda minħabba li int inkurlajt miegħu, biex inderrilu ħadtu maġenb il-port......

LUCIA Żgur waqa' l-baħar!

SCAP. Le, ma waqax il-baħar...... Dan waqafna biex naraw ġifen Alġerin mimli bil-baħrin u l-kaptan żagħżugħ, ħelu kemm tridu, stedinna biex nitilgħu fuq il-ġifen; wara li dawwarna kullimkien ħadna f'salott u tana ċena l-aktar bnina.

LUCIA B'daqshekk? Jiena ma nara xejn ħażin.

SCAP. Hu paċenzja ismagħni. Filwaqt li konna qegħdin nieklu ferħana, il-kaptan brikkun beda jmexxi ħelu ħelu l-ġiefn u jitbiegħed mill-port. Lili nżżilni f'dagħjsa ċkejkna u minn fuq il-ġifen heddidni hekk: "Jekk ma ġġiblix malajr mitt skud nisraq lil dan iż-żagħżugħ u niedu miegħi fl-Alġerija".

LUCIA Imma li ma kontux żewġ imbeċilli ma ntbaħtux li l-ġifen beda jitħarrek; għax ma sejjaħtux l-ajjut?

SCAP. Dak it-taqlib tal-baħar sturdiena u ma ndunajniex li l-ġifen kien miexi ħlief meta tbegħdna mill-port.

LUCIA Imsejkna jiena! Kemm kelli nsofri! Misħuta kurżità! Żgħażagħ bla ras! Ajma qalbi! Ajma x'palpitazzjoni!

SCAP. Maħbuba sinjura tiegħi, ma nitilfux żmien fit-tlablib. Agħtini malajr il-100 skud ħalli mmur niġri biex neħles lil ibnek.

LUCIA Mitt skud?

SCAP. Mitt skud u ma fadalx ħlief siegħa oħra.

LUCIA Alġerin brigant! Hekk jassassinani?

SCAP. Fittex salva lil ibnek li tant tħobbu.

LUCIA Imma hu x'ixjafek ried imur jagħmel fuq dak il-ġifen?

SCAP. Min qatt seta' jobsor......

LUCIA Scapino, mur iġri malajr u għid lil dak l-Alġerin li beħsiebni nibgħatlu l-ispettur tal-pulizija!

SCAP. Trid tiċċajta, sinjura...... Il-pulizija fil-beraħ tal-baħar?

LUCIA Nibgħat reġiment suldati biex jarrestawh!

SCAP. Jekk joqgħod jistennihom iva.

LUCIA Imma li ma kienx paċoċ, x'ixjafek ried imur jagħmel fuq dak il-ġifen?

Scap. Hekk kellu jkun, sinjura.

Lucia Scapino, għall-imħabba li jħobbni, għamilli pjaċir

Scap. Jekk nista', bil-qalb kollha.

Lucia Mur igħid lil dak il-brigant jibgħatli lura lil ibni u int ibqa' bħala kapparra minfloku sakemm ~~nirgħa~~ nigbor s-somma li talabni.

Scap. Aħseb ftit x'inti tgħid, sinjura. Taħseb inti li l-kaptan huwa tant ibláh li sejjer iżomm lili minflok ibnek?

Lucia Imma jaħasra x'ixjafek mar jagħmel fuq dak il-ġifen

Scap. Din min kien jistennieha. Ma nitilfux żmien, sinjura. Ftakar li siegħa biss hemm żmien.

Lucia U kemm għidtli li talbek?

Scap. Mitt skud biss.

Lucia Mitt skud? X'kuxjenza eh?

Scap. Kuxjenza ta' ħalliel tal-baħar.

Lucia Imma huwa jaf kemm huma mitt skud?

Scap. Jaf tajjeb li huma ħames mitt lira.

Lucia U jaħseb li 500 lira sejra nsbihom fit-triq?

Scap. Dawn in-nies ma jirraġunawx, sinjura.

Lucia Imma li ma kienx imbeċilli x'ried imur jagħmel fuq dak il-ġifen?

Scap. Inti sewwa qiegħda tgħid, sinjura, imma min qatt kien jobsor li sejjer jaqa' f'nassa bħal dik. Għar-ruħ il-mejtin tiegħek, sinjura, nispiċċawha.

Lucia Aqbad f'idejk din hija ċ-ċavetta ta' l-armarju. *(Turih ċavetta)*.

Scap. Tajjeb.

Lucia Iftħu.

Scap. Tajjeb ħafna.

Lucia Fix-xellug issib muftieħ kbir.

Scap. Fhimtek.

Lucia Dak huwa l-muftieħ tar-raf.

Scap. Fhimtek ukoll.

LUCIA Mur iġbor kemm issib ħwejjeġ qodma, biegħhom lil regettier u bil-flus li daħħal ifdi lil ibni Leondro.

SCAP. Inti qiegħda toħlom, sinjura? Minn dawk iċ-ċraret ma nistax inġib aktar minn għaxar liri, u mbagħad taf ukoll li ma fadalx żmien.

LUCIA Imma x'il-mniegħel joħdulu ruħu ried imur jagħmel fuq dak il-ġifen?

SCAP. Kemm telf ta' żmien...... Halli fil-ġenb il-ġifen u aħseb li ma baqax żmien...... Trid titlef lil ibnek għal dejjem ta' dejjem? Imsejken padrunċinu tiegħi! Siegħa oħra u ssib ruħek fil-jasar ta' l-Alġerija u forsi ma narawkx iżjed!...... *(Jagħmel ta' bir-ruħu jibki)*. Imma jiena nsejjaħ xhud tiegħi lis-sema li għamilt minn koilox biex insalvah, u jekk qatt jintilef, inti biss il-ħatja, sinjura. *(Taparsi jibki)*.

LUCIA Scapino, stennieni hawn ħalli mmur inġib il-flus.

SCAP. Malajr sinjura, nitolbok. Qiegħed nibża' li ma nasalx fil-ħin jaħasra.

LUCIA Minn għalija għidtli 50 skud.

SCAP. Mitt skud għidtlek.

LUCIA Mitt skud?

SCAP. Ili siegħa nirrepetilek.

LUCIA Imma x'ixjafek ried imur jagħmel fuq dak il-ġifen? *(Kważi tibki)*.

SCAP. Inti m'għandek ebda ħtija, imma aħjar tgħaġġel, sinjura......

LUCIA Kienu jonqsu passiġġati oħra fejn tmorru? Genova kbira tant......

SCAP. Kien hawn, imma għamel malajr......

LUCIA Misħut ġifen!

SCAP. *(Waħdu)*: Aktar għandha għal qalbha l-flus milli lil binha.

LUCIA Ara Scapino, inqas kont naf li għandi l-flus fil-but u inqas kont nistenna li sejrin jogħlew maż-żiffa tar-riħ. *(Turih il-borża tal-flus mingħajr ma tagħtihielu u tibda xxenġilha mad-diskors. Scapino, kull darba jkun sejjer*

*jaħtafielha minn idejha u ma jirnexxilux)*. Ħa, mur ifdi malajr lil ibni *(Ma tagħtih xejn)*.

SCAP. Arani sejjer f'nifs wieħed.

LUCIA Imma għid lil dak l-Alġerin li mhux ħlief brikkun...

SCAP. Ngħidlu.

LUCIA Li huwa infami.

SCAP. Ngħidlu.

LUCIA Bniedem mingħajr fidi.

SCAP. Ngħidlu.

LUCIA Ħalliel.

SCAP. Ngħidlu.

LUCIA Li sejjer jisraqli mitt skud mingħajr ebda dritt.

SCAP. Ngħidlu.

LUCIA Li ma kont nagħtihomlu qatt, la f'ħajti u lanqas wara mewti.

SCAP. Tajjeb ħafna, ngħidlu.

LUCIA U li jekk qatt jaqa' taħt idejja nqaxxru ħaj. *(Tpoġġi l-borża tal-flus fil-but)*.

SCAP. Ngħidlu. Ħalli f'idejja.

LUCIA Itlaq. *(Taħbat sejra; Scapino jmur warajha)*.

SCAP. Sinjura Lucia, inti sejra?

LUCIA Xi trid aktar?

SCAP. X'irrid? Il-flus.

LUCIA Il-flus ma tajthomlokx?

SCAP. Kont sejra tagħtihomli, imma erġajt xħetthom fil-but.

LUCIA *(Tfittex fil-but)*. Oh! L-inkwiet ħadli moħħi.

SCAP. Qiegħed nara jien.

LUCIA Imma x'mar jagħmel f'dak il-ġifen? Misħut ta' ġifen! Kaptan ħalliel! Iben ingrat. *(Tagħti l-borża tal-flus lil Scapino)*. Hawn il-flus ħa! Nirrahom idubulu, jimbidlulu f'bomba li tesplodi fil-ġifen tiegħu u tgħarraqulu —bih u bil-baħrin kollha. *(Titlaq)*.

SCAP. Xħieħa ta' l-infern! Aktar tibża' għall-flus milli tibża' li titlef lil binha. Imma dawn il-flus għadhom mhumiex biżżejjed; għad għandha dejn kbir xi tħallas miegħi...... Dik li marret tgħawwini ma' binha għad trid tħallasha qares......

## Xena 8

Agnese, Leondro u Scapino

AGNESE *(Tidħol ma' Leondro u tmur fuq Scapino)*. Maħbub Scapino, f'hiex aħna fuq l-affari tal-150 skud li kellek iġġibli mingħand il-papà tiegħi?

LEON. U l-100 skud tiegħi, Scapino?

SCAP. *(Jagħti l-borża tal-flus lil Agnese)*. Hekk huma l-150 skud tiegħek, siinjurina.

AGNESE *(Ferħana)*. Inti bniedem kbir, Scapino! Salvajtni minn biċċa ksir ir-ras serja

SCAP. *(Lil Leondro)*: Għalik ma stajt nagħmel xejn. Il-mamà tiegħek ħażina daqs xadin.

LEON. Mela nista' ngħid li jien mitluf! Imsejken jiena! Minn hawn u ftit il-mamà ssir taf b'kollox...... Kif nista' nidher aktar quddiemha?

SCAP. *(Bid-dgħajsa)*: Oh! Padrunċinu tiegħi, kemm taqta' qalbek malajr...... Ma tafx li għad irrid nagħmlilkom ta' parrinu fit-tieġ tagħkom?

LEON. *(Qalbu sewda)*. Iva, imma nżżewġu qabel inħallas dak id-dejn, Scapino?

SCAP. Hawn, ħa mur ħallas kollox. *(Jagħtih dik il-borża tal-flus li tagħtu Lucia)*.

LEON. *(Barra minnu nnifsu bil-ferħ)*. Scapino! Inti erġajt tajtni l-ħajja! Inti eroj! Agnese, imxi ħalli nħallsu lis-Sur Scotti u naħsbu xi ftit għad-dota. *(Jitilqu ferħana)*.

SCAP. *(Li baqa' waħdu jħares minn fejn ħarġu l-oħrajn)*. Morru, morru ħallsu d-dejn tagħkom. Issa nħossni tas-sew feliċi li temmejt żewġ opri b'wiċċ il-ġid ma' dawn iż-żewġ twajbin għarajjes li nixtiqilhom kull ġid. Issa jonqos intemm it-tielet waħda. Dak li Madame Lucia kienet ħtija li binha ried jinfidli sidri bix-xabla, jimmeritaha xi kastig...... Ħalli naħsibha ftit. *(Jaħseb)*. Prosit Scapino! Iva mela! Xebgħa bastun kif tmiss il-liġi! U hekk impattihielha! Immorru naħsbu għal dak li jinħtieġ. *(Huwa u sejjer tingħalaq malajr il-purtiera)*.

TMIEM TAT-TIENI ATT

San Remo
A-5

# IT-TIELET ATT

## Xena 1

Fi triq kollha palazzi fil-belt ta' Genova

Scapino u Silvestru

SILVES. Tassew beħsiebek tagħti xebgħa bastun lil Madame Lucia?

SCAP. Xebgħa bastun li tibqa' tiftakara.

SILVES. Jiena għadni ma nistax nifhmek kif inti tqiegħed ruħek f'dan il-periklu kollu.

SCAP. Nifhmu jiena...... Ma tafx li l-varjetà nħobbha? Jiena fil-periklu nsib id-divertiment tiegħi...... Per eżempju jkun sabiħ tifqa' għajn waħda, titlef xi driegħ, tikser saqajn u tgħaddi tliet xhur fl-isptar ma tagħmel xejn...... Allura nkun fl-għors tiegħi......

SILVES. Jekk trid tieħu l-parir tiegħi, ngħidlek li aħjar taħsel idejk. Madame Lucia għalkemm mara, iżda donnha raġel u ma tibżax mill-babaw......

SCAP. *(Jitħak kemm jiflaħ:)* Oh!...... Oh! Oh! Scapino dejjem ta parir u m'għandux bżonn il-parir ta' ħaddieħor.

SILVES. Iżda x'gost li tqiegħed ruħek fil-periklu li taqla' xi xebgħa minn flok li tagħtiha?

SCAP. X'gost? Dik l-imgħarqa ta' Madame Lucia kienet sejra toqtolni permezz tax-xabla ta' binha u trid li ma nivvendikax ruħi? U hekk intihielha.

SILVES. Jekk taqbdek imbagħad?

SCAP. Tħabbilx rasek għalija...... Spallejja għoddhom rabbew il-kallijiet bid-daqqiet ta' bastun......

SILVES. Allura ħsiebek; inħalli fl-għaqal tiegħek.

SCAP. Hekk mela. Ħalli fil-għaqal tiegħi...... Il-periklu qatt ma waqqaf il-kuraġġ li s-sema tagħtni u nobgħod innies ġwejjef.

SILVES. Silenzju! Madame Lucia ġejja 'il din in-naħa.

EXIT

SCAP. Warrab rasek Silvestru. Ħallini waħdi mal-padruna tiegħi. *(Silvestru jitlaq)*. Nilqgħuha bil-kuraġġ kollu. Ħabiba padruna tiegħi, lesti ruħek biex idduq dan l-għasluġ..... *(Jaħbi l-bastun taħt dirgħajh)*.

**Xena 2**

Lucia u Scapino

LUCIA *(Tidħol)*: Xi tgħidli fuq ibni Scapino?

SCAP. Ibnek jinsab f'post assigurat, imma issa huwa inti li tinsab f'periklu kbir...... aħjar kieku ma ħriġtx mid-dar...

LUCIA Jiena ninsab fil-periklu?

SCAP. Qegħdin ifittxuk biex joqtluk!

LUCIA Joqtluni?

SCAP. Mela sinjura! *(Taparsi)*.

LUCIA Min ikun dan il-qattiel?

SCAP. Dak l-uffiċjal li stieden għad-dwell lil Argante, missier Agnese.

LUCIA Jiena x'għandi x'naqsam mad-dwell ta' Argante?

SCAP. Għidli ħaġa, meta Argante ġie biex jieħu parir minn għandek, fuq id-dwell, int x'għidtlu?

LUCIA Għidtlu dak li kien jgħidlu kwalunkwe bniedem għaqli li jugżah lill-pulizija.

SCAP. Dan li għarqek sinjura. L-uffiċjal sar jaf u issa irid jisfoga l-qilla tiegħu fuqek, irid ineħħilek ħajtek.

LUCIA X'inti tgħid?

SCAP. Diskrazzjatament qiegħed ngħid is-sewwa, ukoll sħabu suldati qegħdin ifittxuk mal-belt kollha. Għaddew minn quddiem id-dar tiegħek armati sa snienhom u staqsew għalik......

LUCIA Dan qatt ma kont nistennieh! Il-lum kulħadd għandu għalija......

SCAP. U hekk inti ma tistax titħarrek minn hawn, la n-naħa tax-xellug u inqas in-naħa tal-lemin, għaliex taqa' taħt ix-xwabel tagħhom.

LUCIA X'sejrin nagħmlu Scapino?

SCAP. Oh! sinjura!...... Jiena ma nafx...... Il-kobba hija mħabbla...... Jiena għalik l-aktar li jiddispjaċini...... Stenna! Stenna ftit *(Imur fil-fond tal-palk jittawwal)*.

LUCIA *(Tirtogħod bħal għasfur)*. Scapino?

SCAP. Xejn la tibża'. Ma hemm xejn......

LUCIA Ħabib tiegħi Scapino, ma tistax issib xi mezz biex teħlisni minn dan l-għawġ.

SCAP. Qiegħed jgħaddili ħsieb minn moħħi...... iżda sejjer inqiegħed fil-għawġ lili nnifsi, imma tibżax......

LUCIA Scapino, taf li bħala qaddej tiegħi qatt ma ħallejtek nieqes minn xejn?...... Tabbandunanix nitolbok f'dan il-mument ta' periklu; ikollok ħniena mill-maħbuba padruna tiegħek!

SCAP. Inti taf kemm nirrespettak sinjura! Ma tarax li m'inix sejjer nabbandunak fi bżonn kbir bħal dan.

LUCIA Jien inkun nafulek. Meta teqdim il-libsa ta' ibni Leondro nirrigalahielek.

SCAP. Hekk hu, triq infallibli għall-fidwa tiegħek! *(Imur iġib xkora wiesgħa ħafna)*. Sinjura idħol f'din ix-xkora.

LUCIA Kif?

SCAP. Idħol malajar f'din l-ixkora, ingorrok fuq spallejja bħal xkora pastard u ngħaddik min-nofs l-għedewwa u meta naslu d-dar niddefendu rwieħna bil-pulizija.

LUCIA Ħsibtha tajjeb, imma tiflaħni?

SCAP. Scapino ma jifilħekx? Idħol sinjura.

LUCIA Għar-ruħ il-mejtin tiegħek. *(Tidħol ġewwa l-ixkora u tgħatti rasha)*.

SCAP. Issa npattijielek......

LUCIA *(Toħroġ rasha)*. X'għidtli Scapino?

SCAP. Qiegħed ngħid li beħsiebni npattijielhom lill-għedewwa tiegħek...... aħbi rasek sewwa. Tajjeb. Issa titħarrikx u kliem xejn...... Tagħti ebda sinjal ta' ħajja...... jiġri x'jiġri inti xkora pastard......

LUCIA *(Tinħeba fl-ixkora għal kollox)*. Halli f'idejja, ma nitħarrikx.

SCAP. Għalina! Ara titħarrek għax wasal wieħed minn dawk li qegħdin ifittxuk. X'waħda din!!! Dan aktarx gwerrier Sqalli! Ara titħarrek!...... *(Ibiddel leħnu)*. Ħabib taf tgħidli fejn insib lil Madame Lucia Varosa, negozjanta tal-ġojelli? Qaluli li rawha għaddejjha minn hawn. *(Bil-leħen tiegħu)*: Xi trid mingħand is-Sinjura Varosa? *(B'leħen falz)*. Irrid naqtagħlha rasha lil dik il-brikkuna. *(B'leħen tiegħu)*: Madame Lucia hija mara galantoma u nitolbok titkellem fuqha aktar bir-rispett. *(B'leħen falz)*: Int għandek tkun xi brikkun ieħor kompliċi magħha! *(Bil-leħen tiegħu)*. Iva, biex inservik jiena ħabib tagħha u lest biex naqbeż għaliha kontra kulħadd. *(B'leħen falz)*: Mela ħudha int ukoll. *(Scapino b'bastun li ma jweġġax jibda jwaħħal fuq l-ixkora u hu nnifsu jibda jnewwaħ daqs li kieku sawtu lilu)*. Ohi! Ohi! Ohi! Bil-mod! Oh! Oh! Oh! Bil-mod! Uh! Oh! Ohi! Oh! Oh!...... Ieqaf ja misħut! Assassin! Imsejken jiena! *(Huwa u jgħid dan il-kliem dejjem iwaħħal fuq l-ixkora u d-daqqiet għat-taparsi qalagħhom hu)*.

LUCIA *(Toħroġ rasha mill-ixkora)*: Ajma! Scapino! Ma niflaħx aktar!...... Għoddhom qatluni!!

SCAP. *(Dejjem b'maliżja)*: U jiena sinjura...... Kisruli spallejja!

LUCIA Kif? M'hux lili sawtu?

SCAP. Xejn affattu! Dak il-misħut fuq spallejja kien qiegħed itambar! Ajma! Ajma!

LUCIA Imma jidhirli li jiena qlajthom fuq is-sinsla ta'dahri......

SCAP. Qiegħed ngħidlek qlajthom jiena. Ajma!

LUCIA Kif inti, jekk qiegħed inħossni sfrakassata! Min jaf kif jien imbenġla?

SCAP. Forsi dak ix-xitan ħarbitlu xi daqqa u ġiet fuqek. Ajma! Ajma!......

LUCIA Stupidu! Allura għax ma qgħaddx bogħod mill-ixkora, kont tiffrankali dawk id-daqqiet......

SCAP. Attenzjoni! Ġej indemonjat ieħor! Aħbi rasek sinjura! *(Jgħozzilha rasha fl-ixkora)*. Dan għandu xehta ta'

Naplitan...... X'iqabbeż sidru mżattat...... Xi xebgħa oħra nistenna...... ara toħroġ rasek...... *(Ibiddel leħnu bħal qabel. Bil-leħen falz):* Oh! lilek, tista tgħidli fejn insib lil dik il bojja ta' Lucia Varosa? *(Bil-leħen tiegħu)* Skużani sinjur, jiena ma naf l-ebda bojja li jisimha Lucia Varosa. *(Bil-leħen falz):* Agħmilli pjaċir u għidtli fejn nista' nsibha. Għaliex ħares irid nagħtiha lezzjoni b'dan il-bastun...... *(Bil-leħen tiegħu):* Diġà għidtlek li ma nafhiex. *(B'leħen falz):* Jekk qiegħed nara tajjeb f'dik l-ixkora hemm moħbi xi ħadd? *(B'leħnu):* Għandek żball sinjur. *(B'leħen falz)* Tgħidlix, rajt l-ixkora titħarrek...... Hallini nara min għandek moħbi...... *(Bil-leħen tiegħu):* M'għandi lil ħadd sinjur. Dawn huma xi ħwejjeġ qodma li żgur ma nurihomlokx. *(B'leħen falz)*. U jiena rrid narahom akkost li noqtol lilek ukoll. *(B'leħnu):* U hekk ma tarahomx. *(B'leħen falz)*. Oh! Trid twebbes rasek? Ara kif narahom. *(Jibda' jwaħħal kemm jiflaħ bil-bastun fuq l-ixkora u jgħajjat):* Ohi! Ohi! Uh! Oh! Oh! Bil-mod sinjur! Nitolbok bil-ħniena! Oh! Oh! Oh! Nirrak tibbies! Ja Naplitan misħut! Għoddok qtiltni!......

LUCIA *(Toħroġ rasha minn ġo l-ixkora)*. Scapino! Qatluni!!! Ajma! Ajma!

SCAP. Lili sinjura! Fuq rasi. fuq dahri! Fuq il-mappamondo! Inħossni mimli bil-ġrieħi! Ajma! Ajma! Sejjer immut! Ajma!!!

LUCIA Imma għaliex dawn id-demonji iridu jtambru dejjem bil-bastun fuq dahri?

SCAP. Mhux fuq dahrek sinjura fuq dahri..... Kull tant tiskappalhom xi daqqa fuqek......

LUCIA Xi daqqa. Għoddhom kisruli l-kustilji kollha.

SCAP. U mela, jien x'għandi ngħid... Isa, isa, sinjura! *(jerġa' jgħozzila rasha fl-ixkora)*. Ara tiċċaqlaq għax wasal demonju ieħor! Dan ma nafx kif sejrin neħilsu minnu...... Ara tagħti sinjal ta' ħajja għax dan żgur joqtolna!...... Attenzjoni!...... Għaliex l-għadu wasal fuqna...... *(B'leħen falz):* Sa fl-aħħar taqa' taħt idejja dik l-imgħarqa ta' Lucia! Jekk insibha naqtagħlha rasha bħal

tiġieġa. Isma' 'l hawn, jiena lilek nafek. Inti Scapino, il-qaddej ta' Madame Lucia. F'ġieħ il-bombi u l-kanuni, għidli fejn tinsab moħbija dik ix-xħieħa ta' Lucia, altrimenti sejjer niskarna lilek. *(Filwaqt li Scapino jerfa' l-bastun biex jissokta jsawwat lil Lucia, Lucia toħroġ rasha mil-ixkora u tilmaħ lil Scapino bil-bastun fl-arja biex iniżżel id-daqqa. Scapino meta jsib ruħu mikxuf jgħajjat għajta, jitlaq il-bastun minn idu u jitlaq jiġri).*

LUCIA *(Toħroġ mill-ixkora kemm kemm tiflaħ toqgħod fuq riġlejha bid-daqqiet li qalgħet u tgħid bi stmerrija):* Oh! xellerat! Traditur! Hekk tassassina lill-benefattriċi tiegħek? Issa nħallsek jien! Nurik min hi Madame Lucia! Halli taqa' taħt idejja...... Mur obsor li kien il-ħażen tiegħu...... Inkun naf għaliex ittrattani hekk u sejjer iħallasha bi prezz għoli. Nitfgħu għal għomru fil-ħabs......

## Xena 3

Ġuljetto u Lucia

ĠUL. *(Jidħol u meta jilmaħ lil Lucia f'dik is-sura jaqbat jidħak kemm jiflaħ).* Oh! Oh! Oh! Oh! Liema xena!

LUCIA *(Li għada ma ndunatx b'Ġuljetto).* Kemm għad trid tħallasha qares, ja misħut ta' Scapino! Qaddej ingrat! Kien għoddu qatilni!...... *(Timxi u zzappap).*

ĠUL. *(Jidħak).* Oh! Oh! Oh! Oh! ... Kemm daħak biha bil-għaqal dak il-biċċa ta' pulċinell. *(Jitħak).*

LUCIA *(Tilmaħ lil Ġuljetto qiegħed jidħak).* Ola'! Sinjurinu, bħalek b'hiex qiegħed tidħak?

ĠUL. Lili qiegħda tgħid, sinjura?

LUCIA Mela lil min...... Ma tridx tidħak bija ukoll, hux? Għadek anqas tidher......

ĠUL. Jiena nidħak bik? Għandek żball sinjura.

LUCIA Kont qiegħed tidħak bija......

ĠUL. Inqas biss għandi ħsiebek...... Għandi affarijiet oħra go rasi......

LUCIA Imma allura għaliex ġejt tidħak taħt imnieħri?

ĠUL. Sinjura, jiena kont qiegħed nidħak fuq dak li rrakkontali wieħed żagħżugħ kif kellu l-ħila jidħak bil-mamà tiegħu billi barxilha 100 skud mill-but.

LUCIA. Kif? Kif? Erġa' għid...... Żagħżugħ seraq 100 skud lil ommu?

ĠUL. Mela x'inhu. Il-mamà tiegħu jisimha, ħalli nara...... Lu......Lu......Lu...... Lukka...... Le, Luċċ...... Għid int sinjura. Hija waħda negozjanta tal-ġawhar. Xħieħa...... għax-xeħħa tagħha magħrufa minn kulħadd...... Inti tafha, sinjura?

LUCIA Ma nafhiex.

ĠUL. Isimha jibda hekk : Luċ, Luċ......... Lucia. Issa qiegħed niftakar : Lucia Varosa.

LUCIA Tajjeb, issokta rrakkontali......

ĠUL. Daħak daħka biha li tibqa' tissemma. Kollu frott talgħaqal ta' Scapino. Tafu sinjura?

LUCIA Għandi xi ħjiel tiegħu, speċjalment hawn wara dahri..... Assassin!

ĠUL. Hekk hu l-ħażen li uża biex ħataf dik is-somma flus lix-xħieħa ommu. *(Jidħak)*. Ma nistax niftakar li qalbi ma tinqasamx bid-daħk! *(Jidħak)*. Mela dan il-qaddej ta' Scapino mar isib lill-padruna tiegħu. *(Jidħak)*. U bellagħlha *(Jidħak)* li fil-wqat li binha kien qiegħed jippassiġġa fil-port, miegħu ġew mistednin biex jitilgħu fuq ġifien Alġerin mill-kaptan...... *(Jidħak)*. U dan il-kaptan għamilielhom...... *(Jidħak)*. Imma sinjura, inti ftit u xejn qiegħda tagħti każ ta' kull ma qiegħed ngħidlek...... Ma tgħidli xejn?......

LUCIA Ngħidlek li dak iben ingrat!...... Mingħajr qalb! U ommu għad trid tħallsu ta' din l-azzjoni ħażina! U dak Scapino għad irid jgħaddi minn taħt il-ħabel tal-forka, u tgħallqu l-padruna tiegħu stess!...... *(Titlaq inkurlata)*.

ĠUL. *(Li baqa' waħdu jħares)*. Kemm hi sinjura stramba. L-ewwel stednitni biex nirrakkontala, u mbagħad ħallietni bħal erbgħa fost il-ġimgħa. Għandu jkun drawwiet ta' din il-belt......

Mus. C
A 2

## Xena 4

Ġorġ u Ġuljetto

ĠORĠ (*Jidħol jgħarrex*). Oh! Sinjurinu! Ili ħafna nfittxek...

ĠUL. Inti hawn, maħbub Ġorġ? Mela ħallejt il-Villa?

ĠORĠ Ġejt hawn il-belt biex inkellem lill-ġdid padrun tiegħi u fl-istess ħin nagħti titwila lill-maħbub antik padrunċinu tiegħi Ġuljetto.

ĠUL. Dejjem twajjeb miegħi, ħabib Ġorġ.

ĠORĠ Kienet verament ir-rieda tas-sema li l-lum ġejt f'Genova. Kieku taf x'waqa' taħt għajnejha.

ĠUL. Jaqaw, maħbub Ġorġ?

ĠORĠ Missierek!!

ĠUL. Missieri? Għidli? Għadu ħaj?

ĠORĠ Jiena jidhirli li rajt sewwa, ma ngannajtx ruħi......

ĠUL. (*Ferħan*). Imma żgur maħbub tiegħi Ġorġ? Missieri, li tant ilna nfittxuh, għadu ħaj?

ĠORĠ Filwaqt li kont ġej infittxek deherli li rajtu jaqsam it-triq, ippruvajt nimxi warajh biex nilħqu, u meta kiser il-kantuniera għandu jkun daħal x'imkien u tliftu minn taħt għajnejha.

ĠUL. Ma ngannajtx ruħek Ġorġ tiegħi?

ĠORĠ Forsi kien xi ħadd li jixbħu...... ma nistax ngħidlek sewwa.......

ĠUL. Il-mamà qabel ma mietet kienet qaltli li l-papà aktarx li baqa' mejjet f'taqbida......

ĠORĠ Imma le! Tridni ma nagħrafx lil missierek li domt naqdieh erbgħin sena? Kien huwa, is-Sur Roberto, bir-ruħ u bil-ġisem.

ĠUL. Allura maħbub Ġorġ, jekk il-papà għadu ħaj, x'aħna nistennew li ma mmorrux insibuh?

ĠORĠ Immorru u noqogħdu nistennew maġenb dik id-dar fejn deherli li daħal.

ĠUL. Oh! X'taħbit ta' qalb! Il-papà għadu ħaj! Bit-tama li narah!

ĠORĠ Ma nħallix Genova qabel ma nsibu. Allura addio villa! Nibqa' magħkom sakemm immut.

ĠUL. Iva maħbub Ġorġ, dejjem magħna fid-dar tagħna. Immorru nsibuh. *(Jitilqu flimkien)*.

*Xena vojta għal ftit*

**Xena 5**

Silvestru Waħdu

SILVES. *(Jidħol)*. X'kull waħda. Sejrin ifittxu lil missier Ġuljetto...... Min jaf kemm ilu midfun. Inqas jaħasra kieku għadu ħaj, daqs kemm kien raġel tajjeb u galanthom... Fittixnieh tant...... Sal-pulizija ħadet ħsieb tfittxu, iżda kulħadd tweġiba waħda kellu għalina: Hadd ma jaf bl-isem ta' Bertu Valentini".

**Xena 6**

Argante u Silvestru u mbagħad

Lucia mil-lemin

ARGAN. *(Jidħol mix-xellug)*. Għidli ftit ja brikkun, hekk iġġib ruħek mal-padrun tiegħek li għamillek tant ġid, li tant għamel għalik?

SILVES. X'tifhem tgħid, Sur Argante?

ARGAN. X'nifhem ngħid eh? Brikkun! Nifhem ngħid li binti, inti u dak il-farobutt ta' Scapino ftehimtu biex tisirquni. Intom forsi taħsbu li jiena sejjer nagħlaq għajnejja...... Għad irridu nagħmlu l-kontijiet bejnietna.....

SILVES. Sur padrun, naħliflek fuq l-unur tiegħi li jekk Scapino seraqlek xi ħaġa, il-kuxjenza tiegħi hija nadifa.

ARGAN. Inkun naf jien il-verità...... tarawh il-qamar fil-bir!... Din id-darba ma naħfrilkomx......

LUCIA (*Tidħol imnikkta*). Oh! Ħabib tiegħi Sur Argante! Kieku taf minn dak il-ħin li ħallejtek, x'għadda minn għalija! Disgrazzja fuq l-oħra!

ARGAN. U jiena, Madame Lucia!...... Nistgħu nieħdu b'idejn xulxin. Il-biki jagħtini!

LUCIA Dak l-imgħarraq ta' Scapino b'ħażen ta' l-infern seraqli 100 skud.

ARGAN. U lili, b'ħażen aktar infernali, seraqli 150 skud.

LUCIA Dan m'hu xejn...... Ittrattani ta' paljazza.

ARGAN. Inti tippermettili nirrappurtah lil-pulizija? Irrid narah imut irqieq irqieq bejn il-ħitan tal-ħabs.

LUCIA Mhux biss nippermettilek, bħala padruna tiegħu, imma jiena stess nikkundannah quddiem l-imħalfin u beħsiebni nagħmel minn kollox biex jgħallquh fil-pjazza.

ARGAN. Oh! Madame Lucia. Ma nafx aktar x'inhi ħniena għalih!......

LUCIA Jekk bèrbaqhom diġà dawk il-100 skud, irrid neħodlu 100 libra demm minn ġismu. (*Din ix-xena iridu jagħmluha agitata ħafna*).

## Xena 7

Ġorġ u ta' qabel kollha

ĠORĠ (*Jidħol u jmur fuq Argante*). Oh! Sur Robert! Sa flaħħar sibtek!

ARGAN. Ġorġ! Inti hawn?

ĠORĠ Kieku taf, Sur Roberto mniex għaddejna kemm ilek mifrud minna, jiena, martek u ibnek!......

ARGAN. (*Lil Ġorġ waħdu*): Għalissa ssejjaħlix Roberto, sejjaħli Argante, u mbagħad infissirlek għaliex.

ĠORĠ Ma kienx mument li biddilt ismek. Kemm inkwiet! Anżi ħallini ngħidtlek li kien dan il-kaġun tal-mewt tas-sinjura tiegħek.

ARGAN. Imsejkna Margerita tiegħi! *(Imnikket għall-aħħar)*. U ibni Ġuljetto x'sar minnu?

ĠORĠ Ġuljetto jinsab miegħi.

ARGAN. Fejn jinsab? Ġibuli ħalli ngħannqu miegħi!

ĠORĠ Hallejtu hawn viċin, fejn ħsibt li sejjer insib lilek.

ARGAN. Mela imxi niltaqgħu miegħu. Ippermettili, Madame Lucia......

LUCIA Irrid naqsam mal-ferħ tiegħek, niġi jien ukoll. *(Argante Lucia, u Ġorġ joħorġu; jibqa' Silvestru)*.

## Xena 8

Silvestru u mbagħad Scapino

SILVES. Min qatt kien jobsor, il-padrun tiegħi, Sur Argante, jiġi missier iċ-ċkejken Ġuljetto. Mur ara kemm sejra tistagħġeb Agnese meta tiġi taf li Ġuljetto jiġi huwa... u jiena kif qatt ma ndunajt b'dawn il-praspar?

SCAP. *(Jidħol jgħarrex u jidħak)*. Habib Silvestru, x'riħ għandna?

SILVES. Riħ tempestuż li jaqleb il-bini! Imsejken Scapino! Din id-darba m'hemmx x'wieħed jidħak...... Din id-darba tinsab moqli.

SCAP. *(Jidħak)*. Oh! Oh! Oh! Oh! Moqli jiena? Ma tafx x'inti tgħid. *(Jidħak)*. Moqli għaliex?

SILVES. Aħjar tibki milli tidħak......

SCAP. Għidtli, x'hemm mill-ġdid? U mbagħad inkun naf ngħidlek jekk għandix nibki jew nidħak......

SILVES. Għandi żewġ aħbarijiet x'nagħtik. L-ewwel waħda hija li l-affari tal-150 skud ta' Argante sejra tgħaddi lixxa, għaliex ġew jafu li Ġuljetto jiġi ibnu.

SCAP. Ġuljetto bin Argante ħu Agnese?

SILVES. Mela x'inhu. Kont tobsor eh?

SCAP. Din isbaħ issa! Mela l-veru isem tiegħu huwa Roberto Valentini.

SILVES. Appuntu. L-aħbar l-oħra hija li t-tnejn min-nies li inti ngannajt ħalfu li jgħamlulek proċess u jikkundannawk għall-forka.

SCAP. Din ħaġa żgħira, s'issa t-theddid għadu qatt ma beżżgħani...... Dan huwa bħal dak is-sħab iswed li jgħeb mar-riħ......

SILVES. Af li mhux sħab iswed mingħajr ma jbenġillek dahrek...... Xejn ma ngħidtlek...... dabbar rasek......

SCAP. Nittama li fejn għaddejna l-baħar kollu m'aħniex sejrin negħrqu f'tazza ilma. Hallini nagħmel jien...... *(Jitlaq u jibqa' Silvestru).*

## Xena 9

Lucia, Ġuljetto, Argante, Ġorġ

u Silvestru

ARGAN. *(Jidħol imqabbad ma' Ġuljetto, warajh Lucia u Ġorġ)* Ejja iben ħelu tiegħi! Imxi mmorru d-dar. Kont inkun bil-wisq aktar feliċi kieku kienet għadha ħajja ommok......

ĠUL. L-imsejkna mamà mietet bl-isem tiegħek fuq xofftejha.

ARGAN. Biżżejjed ibni, la taqsamlix aktar qalbi!

ĠUL. Tibżax papà, hija issa tinsab hemm qiegħda tgawdi ma' dawk il-beati tas-sema!

ĠORĠ *(Juri minn fejn ġejja Agnese).* Qiegħed nara sewwa? Is-Sinjurina Agnese?......

ARGAN. Iva, dik binti li tefgħatni f'baħar ta' duluri!

ĠUL. *(Mistagħġeb).* X'inhu pa? Is-sinjurina Agnese?

ARGAN. Dik hija oħtok, li meta jiena nfridt minnkom kont ħadtha miegħi—kien għad għandha xi tmien snin, u lilek ħallejtek m'ommok; kont għadek kif twelidt.

ĠUL. Imma dik hija l-akbar benefattriċċi tiegħi.

ĠORĠ Iċ-ċkejkna Agnese! Liema bidla!

Move

Lower down

Stop

## Xena 10

Agnese u ta' qabel kollha

AGNESE *(Tidħol ferħana u tmur fuq Argante)*. Papà huwa veru li Ġuljetto huwa ħija?

ORGAN. Iva, ingrata ; huwa ħuk.

AGNESE X'qiegħda nisma'?. Ħija l-għażiż ! *(Tmur biex tgħannaq lil Ġuljetto, Argante ma jħallihiex)*.

ARGAN. Ieqaf, m'intix denja li tgħannaq fjur bħal dak.

ĠUL. Papà, imma jiena diġà għidtlek li din hija l-akbar benefattriċċi tiegħi......

AGNESE Papà, dawk il-100 skud li Scapino ħadtlek għalija kienu biex inżomm fil-kulleġġ lil ħija Ġuljetto, li minn għalija kien iltim abbandunat.

ARGAN. Binti, inti qiegħda tgħid is-sewwa jew għadek trid tidħak bija?

ĠUL. Papà, nista' nassigurak jien li Agnese nefqitli 100 skud għall-kulleġġ. Ġorġ jaf xi ħaġa li kienet Agnese li wara l-mewt t'ommi ħadet ħsiebi.

ĠORĠ Iva, it-twajba sinjurina għamlet kollox għalih.

ARGAN. Allura naħfirlek ta' kollox u nippermettilek tgħannaq lil ħuk.

AGNESE Oh ! Maħbub ħija ! *(Tgħannaq lil Ġuljetto)*. Mur obsor li dik li mietet fuq dirgħajja kienet il-maħbuba ommi!

ARGAN. *(Lil Lucia)*: Madame Lucia, milli qiegħed nara binti ma għamlet xejn ħażin.

LUCIA M'għandniex xi ngħidu, ma berbqitx il-flus fix-xejn...... Imma dak il-mingħul ta' ibni Leondro, dak ix-xellerat, min jaf x'għamel b'dawk il-150 skud li seraqli?

AGNESE Tikkundannax lil Leondro, Madame Lucia. L-għarus tiegħi, għall-imħabba li torbotna, indaħal huwa wkoll biex nagħtu għajnuna lil ħija Ġuljetto, għalhekk dawk il-flus li ħadlek għamel użu minnhom bħalma għamilt jiena

LUCIA X'jiena nisma'?

AGNESE Anzi huwa tani l-eżempju. Mingħajr il-qalb tajba ta' ibnek Leondro, dan it-tfajjel kien jibqa' f'nofs ta' triq imut bil-ġuħ u ma kienx ikollna x-xorti ngħannquh ma' qalbna. Leondro ibnek kien iżommu d-dar bil-moħbi tiegħek u sab impieg lill-qaddej tiegħu Ġorġ ukoll.

ĠORĠ Dan huwa verissimu; nista' naċċertakom jiena.

ĠUL. U jiena aktar minn kulħadd......

LUCIA (*Waħedha*). Brikkun! 150 skud għal wieħed barrani.

ARGAN. Tinkwitax ruħek, Madame Lucia; jiena lest biex inħallas kollox u nagħtik kelma li lilek u lil ibnek Leondro nibqagħlkom rikonoxxenti għal ħajti kollha.

LUCIA Jiena mhux għal flus jiddispjaċini, iżda għall-mod li bih ġejt ittrattata!......

AGNESE Huwa bħalna jisgħobbih...... Għandek pjaċir insejjaħlu hawn?

LUCIA Min qiegħed iżommu li ma jiġix?...... Fejn hu?

AGNESE Ma ssugrax jippreżenta ruħu quddiemek qabel ma jkun jaf li inti kkalmajt ruħek. Huwa baqa' jistennieni maġenb is-suq.

LUCIA Silvestru, mur sib lil ibni Leondro, jekk jogħġbok, u għidlu jiġi hawn.

SILVES. Iva sinjura. (*Jitlaq*).

LUCIA Maħbub Sur Argante, jekk huwa veru li ibni nefaq dawk il-flus biex igħin lil ibnek, lanqas jiddispjaċini, lanqas hu m'għandu tort.

ARGAN. Iva, huwa għamel għalija opra kbira ta' karità li għaliha jistħoqqlu l-akbar tifħir......

LUCIA Imma nitolbok, Sur Argante, fissirli daqsxejn din it-taħwida. Inti qatt ma għidtli li kellek il-familja banda oħra...... Inti dejjem għidtli li kont armel u mwieled f'Messina u mhux f'Venezia, u kont għidtli li ma kellekx ħlief lil din it-tifla Agnese. Issa qiegħda nara li mhux hekk...... Tista' tispjegali din it-taħwida?

ARGAN. Nispjegalek f'żewġ kelmiet. Iżda wegħduni li jibqa' kollox bejnietna......

LUCIA Qatt tista' tiddubita minni?

ARGAN. Jiena verament twelidt f'Sirakuża; il-bżonn ġagħlni mmur Venezia; la naf kif u lanqas għaliex sibt ruħi fix-xibka tal-politika. It-tribunal tal-kunsill tal-għaxra kien diġà qatagħha li jarrestani. Iżda wieħed ħabib tiegħi avżani fil-waqt, u stajt naħrab mill-belt u ħadt miegħi lil Agnese, li kien għad għandha tmien snin. Ġuljetto, li ħallejtu m'ommu, kien għadu ta' ftit xhur. Marti, li ma setgħetx tiġi miegħi, ħallejtha ma' dan it-twajjeb qaddej tiegħi, li għamel iżżejjed għall-familja tiegħi.

ĠORĠ Għamilt biss id-dmir tiegħi.

AGNESE Mela Ġorġ kien il-qaddej tagħna?

ARGAN. Iva, uliedi. It-tieni missier tagħkom. Ħalluni nkomplilkom. Insomma, maħrub minn Venezia, sibt ruħi f'din il-belt ta' Genova, u biex ma naqax taħt id-dwiefer tal-kunsill tal-għaxra, biddilt ismi u l-professjoni.

LUCIA Issa li ż-żewġ repubbliki jinsabu fi gwerra bejniethom, tista' titkellem bla ħabi. Għidli, liema hu l-veru isem tiegħek?

ARGAN. Roberto Valentini.

LUCIA *(Mistagħġba)*. Valentini minn Sirakuża.

ARGAN. Minn Sirakuża.

LUCIA Allura tiġi mill-Avukat Teodoro Valentini ta' Sirakuża?

ARGAN. Dak kien in-nannu tiegħi!

LUCIA Allura aħna kuġini!

ARGAN. Kif? Kuġini?

LUCIA In-nanna tiegħi, omm ommi, kienet oħt Teodoro Valentini

ARGAN. Oh! Fortuna! Liema velu ta' skoperta waqa' quddiemi! Dan qatt ma kont nistennieh!

LUCIA Kuġin maħbub tiegħi *(Titgħannaq ma' Argante)*.

ARGAN. *(Lil Agnese u lil Ġuljetto)*: Għannqu intom ukoll lill-kuġin tagħna. *(Ġuljetto u Agnese jitgħannqu ma' Lucia)*.

LUCIA Oh! X'hena qiegħda tfawwarli qalbi *(Tilmaħ lil Leondro ġej)*. Ejja, ejja ibni Leondro, ħalli tbus id iz-ziju tiegħek u tgħannaq ma' qalbek lill-kuġini.

## Xena 11

Leondro, Agnese, Lucia, Argante,

Ġorġ u Ġuljetto

LEON. *(Jidħol kważi mbażża')*. X'inti tgħid, mamà?

LUCIA Sirna nafu issa din il-minuta, li n-nanna tiegħi, cioè omm ommi, għaldaqstant tiġi l-bużnanna tiegħek, Alla jaħfrilha, kienet oħt in-nannu tas-Sur Roberto Valentini, li jinsab hawn quddiemek. Għalhekk bejn iż-żewġ familji hemm......

LEON. Roberto Valentini?!

LUCIA Mela, dak huwa l-veru isem tiegħu, u niġu sewwa minn xulxin...... Dan huwa z-ziju tiegħek u l-oħrajn huma kuġini!

LEON. *(Isewwed qalbu, idur fuq Agnese)*. Agnese, kienet ħolma l-imħabba li twieldet f'qalbi għalik!

AGNESE Imħabba safja u sabiħa li tibqa' skolpita ġewwa qalbi sa ma tinżel ġewwa l-qabar.

LEON. Imħabba li għebet bħal dawk ir-raġġi tax-xemx li qegħdin jinħbew wara dawk l-għoljiet miksijin bil-ħdura!

AGNESE Kienet qasira l-imħabba qaddisa li kienet twassalna flimkien ġewwa l-ġenna!

LEON Tbissima tad-deheb li mietet fuq ħaddejna f'dalma sewda minn tal-lejl. Aħna kuġini u ma nistgħux niżżewġu!

LUCIA Imma x'intom tgħidu? Iżżewġu bil-bolli uliedi; tifhmu? Bil-bolli.

AGNESE *(Ferħana)*. Iva kuġni Leondro! Niżżewġu bil-bolli! Brava z-zija Lucia! *(Tgħannaq lil Lucia)*.

LEON. *(Lil Angnese)*: Inti xi tgħid, ziju?

ARGAN. Jien inberikkom b'ideja t-tnejn.

LEON. Bravu z-ziju Valentino! *(Jgħannaq lis-Sur Argante u mbagħad imur fuq Agnese bħal tifel ċkejken)* Twajba Agnese, dik il-ħmura ta' nżul ix-xemx dawlet mill-ġdid il-ġamra ta' qalbna!

AGNESE U tfawru bil-ward il-hena! *(Jieħdu b'idejn xulxin)*.

ARGAN. Dan il-jum jibqa' mitbugħ ġo qalbi bħala jum l-aktar feliċi.

LEON. Mamà, ziju, mela intom ħfirtulna hux tassew?

LUCIA Qiesu qatt ma kien xejn. *(Lucia tbus lil Agnese, Argante jbus lil Leondro)*.

LEON. Issa ġaladarba l-maħfra ġabitilna magħha dan il-ferħ ma jistax ikun ferħ għal Scapino wkoll?

AGNESE Iva zija, papà, aħfrulu lil Scapino. Kull ma għamel għamlu għall-imħabba ta' Ġuljetto, għall-ġid tagħna lkoll......

LUCIA Oh! Dak ix-xellerat!

ARGAN. Oh! Lil dak le!

LUCIA Għalija Scapino għad irid jitqadded bejn l-erba' ħitan tal-ħabs.

ARGAN. Jiena ma naħfirlux żgur.

LUCIA Għamilhieli kbira wisq...... Bil-forka biss jista' jħallas il-ħtija tiegħu hekk kbira.

## Xena 12

Silvestru u ta' qabel kollha

SILVES. *(Jidħol jgħaġġibha)*. Sinjuri!... Ġrat disgrazzja kbira!

LUCIA Disgrazzja?!

SILVES. L-imsejken Scapino qaddej tiegħek!

LUCIA Dak mhux ħlief imbroljun...... u ma nistrieħx jekk ma narahx fil-ħabs.

SILVES. L-imsejken diġà tħallas ta' kollox. Filwaqt li kien għaddej minn taħt dar fejn qegħdin jibnu, waqgħet ġebla kbira fuq dahru u sfrakassatu! L-imsejken talab biex

iġibuh hawn quddiemkom għax qabel imut jixtieq ikellimkom.

LUCIA Forsi jrid jitlob maħfra?

ARGAN. Fejn hu?

SILVES. Hekk hu, tnejn min-nies ġejjin bih.

## Xena 13

Scapino, tnejn min-nies u ta' qabel kollha.

SCAP. *(Tnejn min-nies iġibu lil Scapino mimdud fuq sellum, ...rasu kollha nfaxxata u kollha dmija, taparsi).* Ajma jaħasra! Sinjuri, kif tarawni! Ajma! Jiena wasalt biex immut! Ajma! *(Ġuljetto, Leondro u Agnese jmorru fuq Scapino).*

AGNESE *(B'mogħdrija).* Imsejken il-ħabib tagħna Scapino.

SCAP. Oh! Sinjurina! Kollox spiċċa għalija! Ajma! Qabel ma nagħti l-addio lil din id-dinja, nitlobkom, ajma! Hennu għalija...... Ajma! Ikollok ħniena minni! Ajma! Aħfruli!...... Ajma! Ma, ma, ma... ma nerġax. Ajma!... Skużawni... Żgur ma, ma, ma nerġax! Oh!... Oh!.. Oh!...... Aħfruli jaħasra, trid?...... Oh!

ARGAN. Għalija xellerat naħfirlek. Tista' tmut fil-paċi.

SCAP. Nitlob maħfra...... speċjalment lil Madame Lucia...... Lucia...... pa, pa, pa, padruna tiegħi...... ta' dawk id-daqqiet ta' bastun......

LUCIA Biżżejjed; titħabatx iżjed; naħfirlek jien ukoll; mut'

SCAP. Kienet verament...... biċċa, biċċa tostaġni li sawwattek bil-bastun......

LUCIA Għidtlek li naħfirlek, u nispiċċawha......

SCAP. Għall kull daqqa ta' bastun li tajtek......, inħoss...... inħossha taqbiżli demgħa! Oh! Oh! Oh!

LUCIA Issa kważi bdejt biex iddejjaqni! Ħfirtlek u biżżejjed.

SCAP. Għaliex jaħasra...... jiena ma rridx......

LUCIA Naf li jiddispjaċik, u jiena ninsa kollox; mut fil-paċi!

SCAP. Kemm inti tajba...... padruna tiegħi! Imma taħfirli tassew dawk id-daqqiet ta' bastun li tajtek?

LUCIA Hfirtlek ta' kollox u la tergax tgħidli

SCAP. Oh! Twajba padruna tiegħi! Dan il-kliem tiegħek qiegħed inħossu jagħmilli tant ġid li kważi kważi neħħieli l-uġiegħ kollu; kważi fejjaqni, reġa' tani l-ħajja......

LUCIA Isma' Scapino, jiena naħfirlek jekk inti tmut; jekk inti tibqa' ħaj nagħmlu pattijiet oħra......

SCAP. Kif inhi din, sinjura?!

LUCIA Jekk tibqa' ħaj, ma naħfirlekx......

SCAP. *(Jerġa' għal taparsi qiegħed imut)*. Ajma! Ajma. Inħossni qiegħed immut! Sejjer nikkriepa!

ĠUL. Papà, zija, aħfrulu miskin; Alla jħares ma kienx huwa għalija!

LEON. Mamà, il-lum jeħtieġ li jifraħ kulħadd; aħfirlu mingħajr ma tagħmillu dawn il-kondizzojnijiet.

LUCIA Barra ħa! Irrid inaħllikom kuntenti; naħfirlu mingħajr kondizzjoni.

SCAP. *(Ineħħi l-faxex ta' rasu u jogħla u jaqbeż bil-ferħ)*. Sinjuri, sakemm indum ħaj irrid inkun il-qaddej fidil tagħkom!

LUCIA Makak ta' Scapino; int iddaħħal fl-ixkora lil kulħadd. Iżda attent li fl-aħħar ma taqax fin-nassa. *(Daħka ġenerali)*.

AGNESE Leondro, frattant biex aħna wasalna sa fejn wasalna u sejrin niżżewġu bil-bolli, ried ikun......

KULĦADD L-għaqal ta' Scapino!!!

*(Daħka ġenerali u tingħalaq il-purtiera)*

TMIEM TAL-KUMMIEDJA

Music

Mendelssohn
Side 2 – Wedding March

Jinbiegħ 2/- mil-"Librerija Ekkleżjastika" ta' F. Sciortino Triq il-Merkanti, il-Belt, u mill-Oratorju Sależjan ta' tas-Sliema.

Il-qliegħ imur għall-Vokazzjonijiet Sależjani ta' l-istess Oratorju.